Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2023/0447(COD)

10.2.2025

EMENDI
189 - 538

Abbozz tà rapport
Veronika Vrecionová
(PE766.982v01-00)

Il-benesseri tal-klieb u l-qtates u t-traċċabbiltà tagħhom

Proposta għal regolament
(COM(2023)0769 – C9-0443/2023 – 2023/0447(COD))

Emenda 189
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Titolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 190
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu ***114*** tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2)***, l-Artikolu 114, l-Artikolu 168*** u l-Artikolu ***191*** tiegħu,

Or. en

Emenda 191
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-annimali ħajjin, inklużi l-qtates u l-klieb huma koperti mill-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jifformaw parti mill-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni. Hemm suq għal dawn l-annimali fl-Unjoni, inkluż kummerċ transfruntier sostanzjali. Ħafna Stati Membri huma firmatarji tal-	(1) L-annimali ħajjin, inklużi l-qtates u l-klieb huma koperti mill-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jifformaw parti mill-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni. Hemm suq għal dawn l-annimali fl-Unjoni, inkluż kummerċ transfruntier sostanzjali. Ħafna Stati Membri huma firmatarji tal-

Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-Dar. Hemm firxa wiesgħa ta' evidenza ta' funzjonament subottimali tas-suq intern għall-klieb u l-qtates fl-Unjoni kif ukoll ta' kummerċ illegali ta' dawn l-annimali fl-Unjoni u fl-importazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-benesseri ***tal-klieb*** u ***tal-qtates*** imnissla u miżmuma fi stabbilimenti, kif ukoll rekwiżiti msaħħa fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni.	Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-Dar. Hemm firxa wiesgħa ta' evidenza ta' funzjonament subottimali tas-suq intern għall-klieb u l-qtates fl-Unjoni kif ukoll ta' kummerċ illegali ta' dawn l-annimali fl-Unjoni u fl-importazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk ***u speċjalment meta jitqiesu l-aspetti etiċi bbażati fuq l-aħħar sejbiet xjentifiċi dwar l-annimali bħala esseri sensibbli kif iddikjarat fl-Artikolu 13 tat-Titolu II tat-TFUE, li jirrikonoxxu l-kapaċità tagħhom li jkollhom emozzjonijiet u interazzjonijiet soċjali u li jħossu l-uġigħ***, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-benesseri ***tal-annimali inklużi pereżempju l-klieb*** u ***l-qtates*** imnissla u miżmuma fi stabbilimenti, kif ukoll rekwiżiti msaħħa fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni.
	Or. en

Emenda 192
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-annimali ħajjin, inklużi l-qtates u l-klieb huma koperti mill-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u ***jifformaw parti mill-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni***. Hemm suq għal dawn l-annimali fl-Unjoni, inkluż kummerċ transfruntier sostanzjali. Ħafna Stati Membri huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-Dar. Hemm firxa wiesgħa ta' evidenza ta' ***funzjonament*** subottimali ***tas-suq intern għall-klieb u l-qtates fl-Unjoni*** kif ukoll ***ta'*** kummerċ illegali ta' dawn l-annimali fl-Unjoni u fl-importazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi	(1) L-annimali ħajjin, inklużi l-qtates u l-klieb huma ***esseri sensibbli*** koperti mill-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u ***l-benesseri tagħhom jenħtieġ li jiġi protett irrispettivament minn jekk jintużawx mill-bniedem għad-divertiment jew għal kwalunkwe skop ieħor, minħabba li l-iskop li għalih jintuża annimal ma jagħmel l-ebda differenza għall-kapaċità tiegħu li jesperjenza ferħ, uġigħ u sentimenti oħra***. Hemm suq għal dawn l-annimali fl-Unjoni, inkluż kummerċ transfruntier sostanzjali. Ħafna Stati Membri huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-Dar. Hemm firxa wiesgħa

għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates imnissla u miżmuma fi stabbilimenti, kif ukoll rekwiżiti msaħħa fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni.

ta' evidenza ta' ***protezzjoni*** subottimali ***u ta' abbuż ta' dawn l-annimali*** kif ukoll ***frodi u*** kummerċ illegali ta' dawn l-annimali fl-Unjoni u fl-importazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates imnissla u miżmuma fi stabbilimenti, kif ukoll rekwiżiti msaħħa fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 193
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-annimali ħajjin, inklużi l-qtates u l-klieb huma koperti mill-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jifformaw parti mill-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni. Hemm suq għal dawn l-annimali fl-Unjoni, inkluż kummerċ transfruntier sostanzjali. Ħafna Stati Membri huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-Dar. Hemm firxa wiesgħa ta' evidenza ta' funzjonament subottimali tas-suq intern għall-klieb u l-qtates fl-Unjoni kif ukoll ta' kummerċ illegali ta' dawn l-annimali fl-Unjoni u fl-importazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates ***imnissla*** u miżmuma ***fi stabbilimenti***, kif ukoll rekwiżiti msaħħa fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni.	(1) L-annimali ħajjin, inklużi l-qtates u l-klieb huma koperti mill-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jifformaw parti mill-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni. Hemm suq għal dawn l-annimali fl-Unjoni, inkluż kummerċ transfruntier sostanzjali. Ħafna Stati Membri huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-Dar. Hemm firxa wiesgħa ta' evidenza ta' funzjonament subottimali tas-suq intern għall-klieb u l-qtates fl-Unjoni kif ukoll ta' kummerċ illegali ta' dawn l-annimali fl-Unjoni u fl-importazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates ***li jiġu mnissla*** u miżmuma, kif ukoll rekwiżiti msaħħa fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni.

Or. de

Emenda 194
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Annimali ħajjin oħra li jinżammu bħala annimali tad-dar jistħoqqilhom ukoll li jiġu protetti u jeħtieġu rekwiżiti minimi għall-benesseri tagħhom, kif ukoll rekwiżiti msaħħa fir-rigward tat-traċċabbiltà tagħhom fl-Unjoni. Barra minn hekk, ħafna annimali mhumiex adattati biex jinżammu bħala annimali tad-dar, peress li huma ta' theddida għas-saħħa u s-sikurezza pubblika, għall-bijodiversità, għal annimali oħra, jew peress li ż-żamma tagħhom fi spazju konfinat u l-klima Ewropea sempliċiment mhijiex kompatibbli mal-imġiba u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-ispeċijiet tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li tiġi adottata lista pożittiva għall-UE kollha ta' annimali li jistgħu jinżammu bħala annimali tad-dar, u li jiġu adottati regoli u kundizzjonijiet speċifiċi għall-ispeċijiet li jiggarantixxu l-benesseri tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tistabbilixxi din il-lista pożittiva u dawn ir-regoli u r-rekwiżiti dwar il-benesseri.

Or. en

Emenda 195
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-benesseri tal-annimali huwa objettiv u valur tal-Unjoni minqux fl-

Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), li jirrikonoxxi li l-annimali huma esseri sensibbli. Barra minn hekk, l-Unjoni u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-dar[1a], u r-riżoluzzjonijiet assoċjati tagħha mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa: ir-Riżoluzzjoni dwar l-operazzjonijiet kirurġiċi fl-annimali tad-dar (adottata fl-10 ta' Marzu 1995), ir-Riżoluzzjoni dwar it-tnissil tal-annimali tad-dar (adottata fl-10 ta' Marzu 1995), u r-Riżoluzzjoni dwar iż-żamma ta' annimali selvaġġi bħala annimali tad-dar (adottata fl-10 ta' Marzu 1995).

[1a] Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali tad-Dar, Strażburgu, l-1 ta' Mejju 1992, is-Serje tat-Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa - Nru 193.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 13 tat-TFUE huwa objettiv tad-dritt tal-UE, skont il-formulazzjoni tal-Artikolu 13. It-TFUE u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (fost l-oħrajn: il-Kawża C-189/01, H. Jippes et al., v. Minister van Landbouw, Natuurbeheer en Visserij, it-12 ta' Lulju 2001, ECLI:EU:C:2001:420). Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE huma marbuta bit-testi internazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa relatati mal-benesseri tal-annimali tal-kumpanija. Għalhekk, l-UE jenħtieġ li tirreferi għal dawn it-testi.

Emenda 196
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) Hemm aktar minn 2 000 speċi fil-kummerċ fl-UE biss, diversità li tiġġedded

kull sena bl-importazzjonijiet ta' miljuni ta' annimali, u x-xejriet li qed jinbidlu. Kemm id-diversità kbira tal-ispeċijiet, li ħafna minnhom iġorru magħhom viruses magħrufa u parassiti oħra ta' tħassib żoonotiku, kif ukoll l-għadd kbir ta' individwi involuti fil-kummerċ, huma t-tnejn assoċjati ma' żieda fir-riskju żoonotiku u r-riskju ta' speċijiet eżotiċi invażivi. Dan il-kummerċ varjat jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ "saħħa waħda" li jirrikonoxxi l-interkonnettività tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-ambjent.

Or. en

Emenda 197
Valérie Deloge, Vilis Krištopans, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Barra minn hekk, il-konsumaturi ***ma humiex protetti biżżejjed*** peress li spiss jiffaċċjaw, meta jakkwistaw kelb jew qattus, il-konsegwenzi negattivi tal-kundizzjonijiet ħżiena tal-benesseri li fihom l-annimali jkunu tnisslu u nżammu fl-istabbilimenti, bħal problemi tas-saħħa, problemi ta' mġiba jew difetti ġenetiċi tal-kelb jew tal-qattus mixtri jew akkwistat.	(3) Barra minn hekk, il-konsumaturi ***mhumiex infurmati biżżejjed: jeħtieġ li l-pubbliku jiġi infurmat u sensibilizzat dwar ir-realtà tat-traffikanti u l-istabbilimenti tat-tnissil illegali,*** peress li spiss jiffaċċjaw, meta jakkwistaw kelb jew qattus, il-konsegwenzi negattivi tal-kundizzjonijiet ħżiena tal-benesseri li fihom l-annimali jkunu tnisslu u nżammu fl-istabbilimenti, bħal problemi tas-saħħa, problemi ta' mġiba jew difetti ġenetiċi tal-kelb jew tal-qattus mixtri jew akkwistat.

Or. fr

Emenda 198
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Barra minn hekk, il-konsumaturi ma humiex protetti biżżejjed peress li spiss jiffaċċjaw, meta jakkwistaw kelb jew qattus, il-konsegwenzi negattivi tal-kundizzjonijiet ħżiena tal-benesseri li fihom l-annimali jkunu tnisslu u nżammu ***fl-istabbilimenti***, bħal problemi tas-saħħa, problemi ta' mġiba jew difetti ġenetiċi tal-kelb jew tal-qattus mixtri jew akkwistat.	(3) Barra minn hekk, il-konsumaturi ma humiex protetti biżżejjed peress li spiss jiffaċċjaw, meta jakkwistaw kelb jew qattus, il-konsegwenzi negattivi tal-kundizzjonijiet ħżiena tal-benesseri li fihom l-annimali jkunu tnisslu u nżammu, bħal problemi tas-saħħa, problemi ta' mġiba jew difetti ġenetiċi tal-kelb jew tal-qattus mixtri jew akkwistat.
	Or. de

Emenda 199
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-istħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Marzu 2023 jenfasizza appoġġ pubbliku qawwi għal standards imtejba tal-benesseri tal-annimali madwar l-Unjoni Ewropea. 84 % tal-Ewropej jemmnu li l-benesseri tal-annimali tar-razzett jenħtieġ li jiġi protett aħjar, filwaqt li 74 % jappoġġaw protezzjoni aktar b'saħħitha għall-annimali tal-kumpanija bħall-klieb u l-qtates. Barra minn hekk, 90 % taċ-ċittadini tal-UE jqisu li l-prattiki tal-biedja u tat-tnissil għandhom jissodisfaw rekwiżiti etiċi bażiċi, u dan jirrifletti kunsens wiesa' dwar il-ħtieġa ta' standards ogħla ta' benesseri. It-tħassib rigward it-trasport tal-annimali ħajjin huwa sinifikanti wkoll. Dawn is-sejbiet jenfasizzaw l-importanza tat-tishih tal-politiki dwar il-benesseri tal-annimali biex jiġu allinjati mal-aspettattivi pubbliċi u l-għarfien xjentifiku dwar l-annimali bħala esseri sensibbli.
	Or. en

Emenda 200
Valérie Deloge, Vilis Krištopans, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fl-istess ħin, jenħtieġ li tiġi stabbilita kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jidentifikaw l-istabbilimenti tat-tnissil illegali u jżarmaw in-networks.

Or. fr

Emenda 201
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-prattika li wieħed jgħix mal-annimali bħala kumpanija żdiedet b'mod sinifikanti matul is-snin fl-UE u ċ-ċittadini tal-UE wrew rabta qawwija mal-benesseri tal-klieb u l-qtates. Meta wieħed iqis l-evoluzzjoni fix-xjenza tal-benesseri tal-annimali u l-istudji tar-relazzjonijiet bejn il-bniedem u l-annimali, l-UE u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ jinkoraġġixxu tranżizzjoni minn qafas legali msejjes fuq is-sjieda tal-proprjetà għal qafas legali infurmat mir-responsabbiltà etika lejn l-annimali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 13 tat-TFUE, li jirrikonoxxi l-annimali bħala esseri sensibbli u jagħti mandat lill-UE u lill-Istati Membri biex "jagħtu konsiderazzjoni sħiħa tal-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali bħala esseri sensibbli" u, kif infurmat mill-progress xjentifiku, l-UE jenħtieġ li tibni sistema legali konsistenti mal-idea li l-annimali mhumiex prodotti bażiċi li jiġu trattati bħala

proprjetà, iżda pjuttost esseri sensibbli li għalihom huma responsabbli l-bnedmin.

Emenda 202
Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-kummerċ illegali tal-klieb u l-qtates żviluppa parzjalment minħabba n-nuqqas ta' traċċabbiltà ta' dawn l-annimali ***għall-ġriewi*** u ***l-frieħ oriġinali***. Min-naħa l-oħra, il-prattiki kummerċjali illegali huma assoċjati mat-tbatija tal-klieb u tal-qtates soġġetti għal prattiki ta' tnissil mhux ikkontrollati. Ma huwiex possibbli li jiġi żgurat li l-operaturi jirrispettaw l-istess standards tal-benesseri tal-annimali, u li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' kompetizzjoni fis-suq intern fir-rigward tal-forniment tal-klieb u l-qtates mingħajr mezzi affidabbli biex l-annimali jiġu ttraċċati sal-oriġini tagħhom. Għalhekk huwa kruċjali li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates permezz ta' sistema li tidentifika u tirreġistra l-klieb u l-qtates qabel l-ewwel forniment tagħhom ***fl-Unjoni*** kif ukoll kull darba li jkun hemm bidla fis-sjieda tal-annimali.	(6) Il-kummerċ illegali tal-klieb u l-qtates żviluppa parzjalment minħabba n-nuqqas ta' traċċabbiltà ta' dawn l-annimali ***għall-boton oriġinali*** u ***l-entużjażmu tal-konsumaturi għal dawn l-annimali, iffaċilitat bl-iżvilupp tax-xiri online***. Min-naħa l-oħra, il-prattiki kummerċjali illegali huma assoċjati mat-tbatija tal-klieb u tal-qtates soġġetti għal prattiki ta' tnissil mhux ikkontrollati. Ma huwiex possibbli li jiġi żgurat li l-operaturi jirrispettaw l-istess standards tal-benesseri tal-annimali, u li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' kompetizzjoni fis-suq intern fir-rigward tal-forniment tal-klieb u l-qtates mingħajr mezzi affidabbli biex l-annimali jiġu ttraċċati sal-oriġini tagħhom. Għalhekk huwa kruċjali li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates permezz ta' sistema li tidentifika u tirreġistra l-klieb u l-qtates qabel ***l-età ta' erba' xhur jekk l-annimal ikun għadu man-nissiel jew qabel*** l-ewwel forniment tagħhom kif ukoll kull darba li jkun hemm bidla fis-sjieda tal-annimali.

Or. fr

Emenda 203
Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(7) Il-kummerċ illegali tal-qtates u l-klieb minn barra l-UE qed jiżdied. Ir-regoli attwali tal-UE dwar il-movimenti tal-klieb u l-qtates fl-UE, bħad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 576/2013 u tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali, ma fihomx għodod suffiċjenti biex jiġi pprevenut dan il-kummerċ illegali. Dan ifisser li huma meħtieġa regoli addizzjonali għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tal-klieb u l-qtates. Ir-regoli eżistenti dwar is-saħħa tal-annimali jirrikjedu li, kemm għall-moviment kummerċjali kif ukoll għal dak mhux kummerċjali tal-klieb u tal-qtates li jidħlu fl-Unjoni, l-annimali jridu jkunu identifikati b'mikroċippa. Sabiex jissaħħu dawn id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà, is-sidien tal-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ir-reġistrazzjoni tagħhom f'waħda mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fil-post tad-destinazzjoni. Dan se jipprevedi għal kontroll akbar fuq il-movimenti ta' dawk l-annimali.

(7) Il-kummerċ illegali tal-qtates u l-klieb minn barra l-UE qed jiżdied. Ir-regoli attwali tal-UE dwar il-movimenti tal-klieb u l-qtates fl-UE, bħad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 576/2013 u tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali, ma fihomx għodod suffiċjenti biex jiġi pprevenut dan il-kummerċ illegali. Dan ifisser li huma meħtieġa regoli addizzjonali għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tal-klieb u l-qtates. Ir-regoli eżistenti dwar is-saħħa tal-annimali jirrikjedu li, kemm għall-moviment kummerċjali kif ukoll għal dak mhux kummerċjali tal-klieb u tal-qtates li jidħlu fl-Unjoni, l-annimali jridu jkunu identifikati b'mikroċippa ***jew tatwaġġ***. Sabiex jissaħħu dawn id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà, is-sidien tal-klieb u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ir-reġistrazzjoni tagħhom f'waħda mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fil-post tad-destinazzjoni***, sa mhux aktar tard mid-dħul fiżiku tagħhom fl-Unjoni, biex jiġi evitat li l-annimal jinqabad u s-sid jiġi mmultat***. Dan se jipprevedi għal kontroll akbar fuq il-movimenti ta' dawk l-annimali.

Or. fr

Emenda 204
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-kummerċ illegali tal-qtates u l-klieb minn barra l-UE qed jiżdied. Ir-regoli attwali tal-UE dwar il-movimenti tal-klieb u l-qtates fl-UE, bħad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 576/2013 u tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali, ma fihomx għodod suffiċjenti biex jiġi pprevenut dan il-kummerċ illegali. Dan ifisser li huma meħtieġa regoli addizzjonali għall-ġlieda	(7) Il-kummerċ illegali tal-qtates u l-klieb minn barra l-UE qed jiżdied. Ir-regoli attwali tal-UE dwar il-movimenti tal-klieb u l-qtates fl-UE, bħad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 576/2013 u tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali, ma fihomx għodod suffiċjenti biex jiġi pprevenut dan il-kummerċ illegali. Dan ifisser li huma meħtieġa regoli addizzjonali għall-ġlieda

kontra l-kummerċ illegali tal-klieb u l-qtates. Ir-regoli eżistenti dwar is-saħħa tal-annimali jirrikjedu li, kemm għall-moviment kummerċjali kif ukoll għal dak mhux kummerċjali tal-klieb u tal-qtates li jidħlu fl-Unjoni, l-annimali jridu jkunu identifikati b'mikroċippa. Sabiex jissaħħu dawn id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà, is-sidien ***tal-klieb*** u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ir-reġistrazzjoni tagħhom f'waħda mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fil-post tad-destinazzjoni. Dan se jipprevedi għal kontroll akbar fuq il-movimenti ta' dawk l-annimali.	kontra l-kummerċ illegali tal-klieb u l-qtates. Ir-regoli eżistenti dwar is-saħħa tal-annimali jirrikjedu li, kemm għall-moviment kummerċjali kif ukoll għal dak mhux kummerċjali tal-klieb u tal-qtates li jidħlu fl-Unjoni, l-annimali jridu jkunu identifikati b'mikroċippa. Sabiex jissaħħu dawn id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà, is-sidien ***jew il-persuni responsabbli għall-klieb*** u l-qtates li jidħlu fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ir-reġistrazzjoni tagħhom f'waħda mill-bażijiet tad-data tal-Istati Membri fil-post tad-destinazzjoni. Dan se jipprevedi għal kontroll akbar fuq il-movimenti ta' dawk l-annimali.

Or. ro

Emenda 205
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà ta' din il-proposta jikkontribwixxu wkoll għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika permezz ta' benesseri aħjar tal-annimali, saħħa aħjar tal-annimali u kontrolli aħjar fuq it-trażmissjoni possibbli tal-mard tal-annimali (li xi wħud minnhom huma ta' natura żoonotika), dan skont approċċ ta' Saħħa Waħda.	(8) Id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabbiltà ta' din il-proposta jikkontribwixxu wkoll għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika permezz ta' benesseri aħjar tal-annimali, saħħa aħjar tal-annimali u kontrolli aħjar fuq it-trażmissjoni possibbli tal-mard tal-annimali (li xi wħud minnhom huma ta' natura żoonotika***, li xi wħud minnhom jiġu trażmessi lill-organiżmi selvaġġi***), dan skont approċċ ta' Saħħa Waħda.

Or. en

Emenda 206
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi l-identifikazzjoni tal-klieb u l-qtates bi transponder iżda biss jekk ikunu soġġetti għal movimenti bejn l-Istati Membri li jidħlu fl-Unjoni. L-identifikazzjoni meħtieġa minn dak ir-Regolament ma hijiex armonizzata bis-sħiħ peress li ma tinkludix standards preċiżi rigward it-transponders. Barra minn hekk, dak ir-Regolament ma jirrikjedix li l-Istati Membri jżommu bażijiet tad-data tal-klieb u l-qtates. Għalhekk, ***jenħtieġ li*** l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa jistabbilixxu u jżommu bażijiet tad-data tal-klieb u l-qtates ***fornuti fis-suq tal-Unjoni*** biex ***tiġi żgurata t-traċċabbiltà*** ta' dawn l-annimali. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' dawn il-bażijiet tad-data. Dan se jiffaċilita s-sejba ta' informazzjoni dwar il-klieb u l-qtates fl-Unjoni kollha, kif ukoll jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli uffiċjali biex jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali.	(10) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi l-identifikazzjoni tal-klieb u l-qtates bi transponder iżda biss jekk ikunu soġġetti għal movimenti bejn l-Istati Membri li jidħlu fl-Unjoni. L-identifikazzjoni meħtieġa minn dak ir-Regolament ma hijiex armonizzata bis-sħiħ peress li ma tinkludix standards preċiżi rigward it-transponders. Barra minn hekk, dak ir-Regolament ma jirrikjedix li l-Istati Membri jżommu bażijiet tad-data tal-klieb u l-qtates. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa jistabbilixxu u jżommu bażijiet tad-data tal-klieb u l-qtates ***fl-Unjoni*** biex ***jiżguraw it-traċċabbiltà*** ta' dawn l-annimali. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' dawn il-bażijiet tad-data. Dan se jiffaċilita s-sejba ta' informazzjoni dwar il-klieb u l-qtates fl-Unjoni kollha, kif ukoll jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli uffiċjali biex jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 207
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-forniment tal-klieb u l-qtates, kemm jekk għall-profitt kif ukoll jekk mingħajr kost, għandu impatt fuq is-suq intern. Għalhekk, sabiex ***jiġu evitati*** l-frodi, jenħtieġ li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-annimali kollha kkummerċjalizzati fis-suq tal-Unjoni u jenħtieġ li ż-żamma tal-	(11) Il-forniment tal-klieb u l-qtates, kemm jekk għall-profitt kif ukoll jekk mingħajr kost, għandu impatt fuq is-suq intern. Għalhekk, sabiex ***tiġi evitata*** l-frodi, jenħtieġ li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-annimali kollha kkummerċjalizzati fis-suq tal-Unjoni u jenħtieġ li ż-żamma tal-

annimali fi stabbilimenti tat-tnissil, fi ħwienet tal-annimali tad-dar jew f'santwarji tal-annimali tkun soġġetta għal regoli dettaljati.	annimali fi stabbilimenti tat-tnissil, fi ħwienet tal-annimali tad-dar jew f'santwarji tal-annimali tkun soġġetta għal regoli dettaljati. ***Il-militar, il-pulizija jew id-dwana li jrabbu jew iżommu l-klieb għall-użu tas-servizzi tagħhom stess mhumiex f'tali sitwazzjoni peress li ma jwettqux l-attivitajiet ta' tnissil jew ta' żamma tagħhom għas-suq.***

Or. en

Emenda 208
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-forniment tal-klieb u l-qtates, kemm jekk għall-profitt kif ukoll jekk mingħajr kost, għandu impatt fuq is-suq intern. Għalhekk, sabiex ***jiġu evitati*** l-frodi, jenħtieġ li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-annimali kollha kkummerċjalizzati fis-suq tal-Unjoni u ***jenħtieġ*** li ż-żamma tal-annimali fi stabbilimenti tat-tnissil, fi ***ħwienet tal-annimali tad-dar jew*** f'santwarji tal-annimali tkun soġġetta għal regoli dettaljati.	(11) Il-forniment tal-klieb u l-qtates, kemm jekk għall-profitt kif ukoll jekk mingħajr kost, għandu impatt fuq is-suq intern. Għalhekk, sabiex ***tiġi evitata*** l-frodi, jenħtieġ li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-annimali kollha kkummerċjalizzati fis-suq tal-Unjoni u li ż-żamma tal-annimali fi stabbilimenti tat-tnissil, fi ***stabbilimenti tar-riċerka, fi stabbilimenti tal-bejgħ u*** f'santwarji tal-annimali***u foster homes jenħtieġ li*** tkun soġġetta għal regoli dettaljati.

Or. en

Emenda 209
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-forniment okkażjonali ta' ġriewi u frieħ tal-qtates tad-dar f'isem is-sidien

	tagħhom, kemm jekk għall-profitt kif ukoll jekk mingħajr ħlas, ma għandux impatt sinifikanti fuq is-suq intern u għalhekk huwa ġġustifikat li tali attivitajiet ta' forniment jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ħlief għall-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tal-benesseri u l-obbligu ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni, li se jiżguraw it-traċċabbiltà tagħhom.

Or. es

Emenda 210
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Iż-żamma tal-klieb u l-qtates f'isem is-sidien, bħal attivitajiet ta' alloġġ għall-annimali tad-dar, hija attività temporanja u lokali u ma għandhiex impatt sinifikanti fuq is-suq intern. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-attivitajiet ta' alloġġ għall-annimali tad-dar jiġu esklużi mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għal stabbilimenti li jżommu l-klieb u l-qtates.	***imħassar***

Or. en

Emenda 211
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] tirregola ż-żamma, it-tnissil u l-forniment	***imħassar***

ta' annimali miżmuma għal skopijiet xjentifiċi inkluż il-klieb u l-qtates. Għalhekk, jenħtieġ li l-klieb u l-qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

[4] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

Or. en

Emenda 212
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] tirregola ż-żamma, it-tnissil u l-forniment ta' annimali miżmuma għal skopijiet xjentifiċi inkluż il-klieb u l-qtates. Għalhekk, jenħtieġ li l-klieb u l-qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	(13) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] tirregola ż-żamma, it-tnissil u l-forniment ta' annimali miżmuma għal skopijiet xjentifiċi inkluż il-klieb u l-qtates. Għalhekk, jenħtieġ li l-klieb u l-qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Madankollu, il-qtates u l-klieb imnissla għal skopijiet xjentifiċi li jkunu tqiegħdu fi djar bħala annimali tal-kumpanija, u l-annimali li qabel kienu tar-razzett miżmuma fis-santwarji, jeħtieġu persuni li jieħdu ħsieb l-annimali ddedikati, għarfien speċjalizzat, u kampanja ta' promozzjoni kontinwa biex jiġi żgurat il-benesseri tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tivvaluta u tipproponi miżuri legali xierqa u proporzjonati biex tiżgura r-rikonoxximent, il-protezzjoni u l-benesseri ta' dawn l-annimali.***

[4] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

[4] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

Or. en

Emenda 213
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] tirregola ż-żamma, it-tnissil u l-forniment ta' annimali miżmuma għal skopijiet xjentifiċi inkluż il-klieb u l-qtates. Għalhekk, jenħtieġ li l-klieb u l-qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	(13) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] tirregola ż-żamma, it-tnissil u l-forniment ta' annimali miżmuma għal skopijiet xjentifiċi inkluż il-klieb u l-qtates. ***Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Regolament jirregola l-provi kliniċi għall-prodotti mediċinali veterinarji li jinvolvu l-użu tal-annimali, inklużi l-klieb u l-qtates.*** Għalhekk, jenħtieġ li l-klieb u l-qtates maħsuba ***jew użati*** għal skopijiet xjentifiċi ***kif ukoll il-klieb u l-qtates użati fil-provi kliniċi meħtieġa għall-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji*** jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

[4] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

[4] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

Or. en

Emenda 214
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Għadd kbir ta' klieb u qtates, għall-ewwel darba se jkunu koperti minn regoli dettaljati dwar il-benesseri li se jippermettulhom jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar. Madankollu, meta jitqiesu d-diffikultajiet prattiċi f'ċerti każijiet biex jiġi ddeterminat jekk il-klieb u l-qtates humiex miżmuma bħala annimali tad-dar jew għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment, dan ir-Regolament jenħtieġ li jeżenta minn ċerti obbligi s-sidien tal-annimali tad-dar li jżommu għadd ta' klieb u qtates u jipproduċu għadd ta' ġriewi u frieħ taħt ċertu livell limitu. Inkella, dawk is-sidien tal-annimali tad-dar ikunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament, li ma jkunux proporzjonati.	***imħassar***

Or. de

Emenda 215
Katarína Roth Neveďalová, Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Għadd kbir ta' klieb u qtates, għall-ewwel darba se jkunu koperti minn regoli dettaljati dwar il-benesseri li se jippermettulhom jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar. Madankollu, meta jitqiesu d-diffikultajiet prattiċi f'ċerti każijiet biex jiġi ddeterminat jekk il-klieb u l-qtates humiex miżmuma bħala annimali tad-dar jew għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment, dan ir-	(14) Għadd kbir ta' klieb u qtates, għall-ewwel darba se jkunu koperti minn regoli dettaljati dwar il-benesseri li se jippermettulhom jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar. Madankollu, meta jitqiesu d-diffikultajiet prattiċi f'ċerti każijiet biex jiġi ddeterminat jekk il-klieb u l-qtates humiex miżmuma bħala annimali tad-dar jew ***jintużawx għal skopijiet agrikoli, bħat-tmexxija tal-***

Regolament jenħtieġ li jeżenta minn ċerti obbligi s-sidien tal-annimali tad-dar li jżommu għadd ta' klieb u qtates u jipproduċu għadd ta' ***ġriewi u frieħ*** taħt ċertu livell limitu. Inkella, dawk is-sidien tal-annimali tad-dar ikunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament, li ma jkunux proporzjonati.	***merħla, l-għassa tal-bhejjem, il-protezzjoni tal-azjendi agrikoli, jew*** għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment, dan ir-Regolament jenħtieġ li jeżenta minn ċerti obbligi s-sidien tal-annimali tad-dar li jżommu għadd ta' klieb u qtates u jipproduċu għadd ta' ***btan*** taħt ċertu livell limitu. Inkella, dawk is-sidien tal-annimali tad-dar ikunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament, li ma jkunux proporzjonati. ***Dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis ukoll iż-żoni rurali u remoti fejn l-aċċess għas-servizzi veterinarji u l-infrastruttura ta' konformità huwa limitat u jqis il-mekkaniżmi ta' appoġġ biex tiġi żgurata implimentazzjoni prattika mingħajr piż sproporzjonat fuq il-bdiewa u n-nissiela fuq skala żgħira.***
	Or. en

Emenda 216
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Għadd kbir ta' klieb u qtates, għall-ewwel darba se jkunu koperti minn regoli dettaljati dwar il-benesseri li se jippermettulhom jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar. ***Madankollu, meta jitqiesu d-diffikultajiet prattiċi f'ċerti każijiet biex jiġi ddeterminat jekk il-klieb u l-qtates humiex miżmuma bħala annimali tad-dar jew għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment***, dan ir-Regolament jenħtieġ li jeżenta minn ċerti obbligi s-sidien tal-annimali tad-dar li jżommu għadd ta' klieb u qtates ***u jipproduċu għadd ta' ġriewi u frieħ taħt ċertu livell limitu. Inkella, dawk is-sidien tal-annimali tad-dar ikunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament,***	(14) Għadd kbir ta' klieb u qtates, għall-ewwel darba se jkunu koperti minn regoli dettaljati dwar il-benesseri li se jippermettulhom jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar. ***Għall-fini tal-proporzjonalità***, dan ir-Regolament jenħtieġ li jeżenta minn ċerti obbligi s-sidien tal-annimali tad-dar li jżommu għadd ***limitat*** ta' klieb u qtates***.***

li ma jkunux proporzjonati.

Or. en

Emenda 217
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ladarba jintlaħaq il-livell limitu għall-attivitajiet ta' tnissil imsemmija fil-premessa preċedenti, kwalunkwe bini użat għall-fini ta' tnissil ta' annimali jkun soġġett għar-regoli għall-istabbilimenti tat-tnissil stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, anke jekk l-attivitajiet ta' tnissil isiru f'unitajiet domestiċi, peress li dan spiss ikun il-każ għal tipi differenti ta' nissiela kummerċjali. Unitajiet domestiċi fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal skopijiet għajr ir-riproduzzjoni ma jitqisux bħala stabbilimenti tat-tnissil u ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament.	(15) Kwalunkwe bini użat għall-fini ta' tnissil ta' annimali jkun soġġett għar-regoli għall-istabbilimenti tat-tnissil stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, anke jekk l-attivitajiet ta' tnissil isiru f'unitajiet domestiċi, peress li dan spiss ikun il-każ għal tipi differenti ta' nissiela kummerċjali. Unitajiet domestiċi fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal skopijiet għajr ir-riproduzzjoni ma jitqisux bħala stabbilimenti tat-tnissil u ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament.

Or. de

Emenda 218
Michal Wiezik, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Barra minn hekk, fis-suq tal-Unjoni tipi differenti ta' operaturi li jwettqu tipi differenti ta' attivitajiet ifornu l-klieb u l-qtates. Minbarra nissiela kummerċjali hemm ħwienet tal-annimali tad-dar fejn il-klieb u l-qtates, li normalment ikunu twieldu u tnisslu fi stabbilimenti oħrajn,	(17) Barra minn hekk, fis-suq tal-Unjoni tipi differenti ta' operaturi li jwettqu tipi differenti ta' attivitajiet ifornu l-klieb u l-qtates. Minbarra nissiela kummerċjali hemm ħwienet tal-annimali tad-dar fejn il-klieb u l-qtates, li normalment ikunu twieldu u tnisslu fi stabbilimenti oħrajn,

jinżammu għall-bejgħ. Il-protezzjoni ta' dawn l-annimali tista' tkun subottimali, u ma hemm l-ebda standard komuni ta' benesseri li jeħtieġ li jiġi osservat f'dawn l-istabbilimenti. Għalhekk, ***minħabba li l-ħwienet tal-annimali tad-dar huma operaturi kummerċjali li jqiegħdu fis-suq il-klieb u l-qtates, jeħtieġ*** li ***jiġu applikati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal dawn l-istabbilimenti***.	jinżammu għall-bejgħ. Il-protezzjoni ta' dawn l-annimali tista' tkun subottimali, u ma hemm l-ebda standard komuni ta' benesseri li jeħtieġ li jiġi osservat f'dawn l-istabbilimenti. Għalhekk, ***il-bejgħ ta' klieb u qtates fil-ħwienet tal-annimali tad-dar jenħtieġ*** li ***jiġi pprojbit***.

Or. en

Emenda 219
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Barra minn hekk, fis-suq tal-Unjoni tipi differenti ta' operaturi li jwettqu tipi differenti ta' attivitajiet ifornu l-klieb u l-qtates. Minbarra nissiela kummerċjali hemm ħwienet tal-annimali tad-dar fejn il-klieb u l-qtates, li normalment ikunu twieldu u tnisslu fi stabbilimenti oħrajn, jinżammu għall-bejgħ. Il-protezzjoni ta' dawn l-annimali ***tista'*** tkun subottimali, u ma hemm l-ebda standard komuni ta' benesseri li jeħtieġ li jiġi osservat f'dawn l-istabbilimenti. ***Għalhekk, minħabba li l-ħwienet*** tal-annimali tad-dar ***huma operaturi kummerċjali li jqiegħdu fis-suq il-klieb*** u ***l-qtates, jeħtieġ li jiġu applikati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal dawn l-istabbilimenti***.	(17) Barra minn hekk, fis-suq tal-Unjoni tipi differenti ta' operaturi li jwettqu tipi differenti ta' attivitajiet ifornu l-klieb u l-qtates. Minbarra nissiela kummerċjali hemm ħwienet tal-annimali tad-dar fejn il-klieb u l-qtates, li normalment ikunu twieldu u tnisslu fi stabbilimenti oħrajn, jinżammu għall-bejgħ. Il-protezzjoni ta' dawn l-annimali ***spiss*** tkun subottimali, u ma hemm l-ebda standard komuni ta' benesseri li jeħtieġ li jiġi osservat f'dawn l-istabbilimenti. ***Il-bejgħ ta' klieb u qtates fil-ħwienet*** tal-annimali tad-dar ***jiskatta wkoll ix-xiri impulsiv, u dan iwassal għal sitwazzjonijiet ta' kura subottimali*** u ***abbandun. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi pprojbit il-bejgħ tal-annimali fil-ħwienet tal-annimali tad-dar***.

Or. en

Emenda 220
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) "ewtanażja" tfisser l-att li jwassal għall-mewt bl-użu ta' metodu li jikkawża telf rapidu u irriversibbli tas-sensi b'uġigħ u distress minimu lill-annimal.

Or. en

Emenda 221
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minkejja d-differenzi fl-attivitajiet imwettqa minn nissiela kummerċjali u ħwienet tal-annimali tad-dar, minn naħa waħda, u santwarji għall-annimali, min-naħa l-oħra, dawn kollha jfornu l-klieb u l-qtates fis-suq tal-Unjoni u hemm ċertu ammont ta' duplikazzjoni, speċjalment fil-livell tad-domanda. Meta jfittxu kelb jew qattus, il-konsumaturi jagħmlu għażliet bejn ix-xiri ta' annimal mingħand nissiel (jew direttament jew permezz ta' ħanut tal-annimali tad-dar jew intermedjarju) jew jadottaw wieħed minn santwarju. L-akkwist ta' klieb jew qtates direttament minn sidien ta' annimali tad-dar huwa marġinali. Fattur importanti wieħed fl-għażla ta' kelb jew qattus huwa l-problemi possibbli ta' mġiba jew problemi oħrajn li l-annimal jista' juri minħabba li jkun inżamm f'kundizzjonijiet ħżiena ta' benesseri u li jistgħu jnaqqsu l-adegwatezza tiegħu biex jinżamm bħala annimal tad-dar, irrispettivament minn jekk l-annimal ikunx inżamm fi stabbiliment tat-tnissil kummerċjali, f'ħanut tal-annimali tad-dar jew f'santwarju. Barra minn hekk, minħabba li l-kummerċ isir ukoll minn	(19) Minkejja d-differenzi fl-attivitajiet imwettqa minn nissiela kummerċjali u ħwienet tal-annimali tad-dar, minn naħa waħda, u santwarji għall-annimali, min-naħa l-oħra, dawn kollha jfornu l-klieb u l-qtates fis-suq tal-Unjoni u hemm ċertu ammont ta' duplikazzjoni, speċjalment fil-livell tad-domanda. Meta jfittxu kelb jew qattus, il-konsumaturi jagħmlu għażliet bejn ix-xiri ta' annimal mingħand nissiel (jew direttament jew permezz ta' ħanut tal-annimali tad-dar jew intermedjarju) jew jadottaw wieħed minn santwarju. L-akkwist ta' klieb jew qtates direttament minn sidien ta' annimali tad-dar huwa marġinali. Fattur importanti wieħed fl-għażla ta' kelb jew qattus huwa l-problemi possibbli ta' mġiba jew problemi oħrajn li l-annimal jista' juri minħabba li jkun inżamm f'kundizzjonijiet ħżiena ta' benesseri u li jistgħu jnaqqsu l-adegwatezza tiegħu biex jinżamm bħala annimal tad-dar, irrispettivament minn jekk l-annimal ikunx inżamm fi stabbiliment tat-tnissil kummerċjali, f'ħanut tal-annimali tad-dar jew f'santwarju. Barra minn hekk, minħabba li l-kummerċ isir ukoll minn

intermedjarji u l-aktar online, il-konsumaturi jistgħu ma jkunux konxji qabel ma jakkwistaw kelb jew qattus jekk l-annimal joriġinax minn santwarju, nissiel jew ħanut tal-annimali tad-dar. Hemm evidenza li l-għadd ta' annimali fornuti lis-suq tal-Unjoni minn santwarji huwa sinifikanti, b'mod partikolari għall-qtates. Hemm ukoll evidenza li l-annimali jiġu fornuti minn santwarji f'xi Stati Membri lil sidien prospettivi tal-annimali tad-dar fi Stati Membri oħrajn, b'mod partikolari għall-klieb. Sabiex jiġi żgurat l-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tal-klieb u l-qtates, u l-iżvilupp razzjonali tas-settur filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' benesseri tal-annimali, jeħtieġ li jiġu applikati xi wħud mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal santwarji li jżommu ċertu għadd minimu ta' annimali, irrispettivament minn jekk ibigħux annimali bi ħlas jew ifornux biss annimali mingħajr ħlas jew b'rimborż ta' kostijiet raġonevoli. Madankollu, għal raġunijiet ta' proporzjonalità u minħabba li l-attivitajiet tas-santwarji jvarjaw minn dawk ta' operaturi oħrajn u jistgħu jissodisfaw funzjoni ta' interess pubbliku, uħud biss mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għas-santwarji, li jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-għadd u l-kompetenza tal-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali, l-abitazzjoni, it-tmigħ u t-tisqija, il-ħtiġijiet ta' mġiba u prattiki li jikkawżaw l-uġigħ, u żjarat konsultattivi minn veterinarju.

intermedjarji u l-aktar online, il-konsumaturi jistgħu ma jkunux konxji qabel ma jakkwistaw kelb jew qattus jekk l-annimal joriġinax minn santwarju, nissiel jew ħanut tal-annimali tad-dar. ***Din l-informazzjoni jenħtieġ li ssir obbligatorja fl-avviżi, sabiex mingħajrha ma jkunux jistgħu jiġu ppubblikati online.*** Hemm evidenza li l-għadd ta' annimali fornuti lis-suq tal-Unjoni minn santwarji huwa sinifikanti, b'mod partikolari għall-qtates. Hemm ukoll evidenza li l-annimali jiġu fornuti minn santwarji f'xi Stati Membri lil sidien prospettivi tal-annimali tad-dar fi Stati Membri oħrajn, b'mod partikolari għall-klieb. Sabiex jiġi żgurat l-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tal-klieb u l-qtates, u l-iżvilupp razzjonali tas-settur filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' benesseri tal-annimali, jeħtieġ li jiġu applikati xi wħud mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal santwarji li jżommu ċertu għadd minimu ta' annimali, irrispettivament minn jekk ibigħux annimali bi ħlas jew ifornux biss annimali mingħajr ħlas jew b'rimborż ta' kostijiet raġonevoli. Madankollu, għal raġunijiet ta' proporzjonalità u minħabba li l-attivitajiet tas-santwarji jvarjaw minn dawk ta' operaturi oħrajn u jistgħu jissodisfaw funzjoni ta' interess pubbliku, uħud biss mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għas-santwarji, li jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-għadd u l-kompetenza tal-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali, l-abitazzjoni, it-tmigħ u t-tisqija, il-ħtiġijiet ta' mġiba u prattiki li jikkawżaw l-uġigħ, u żjarat konsultattivi minn veterinarju.

Or. fr

Emenda 222
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' dan ir-Regolament, huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw l-istabbilimenti soġġetti għall-kontrolli uffiċjali tagħhom. Għalhekk jeħtieġ li l-operaturi li jżommu l-klieb u l-qtates fi stabbilimenti jinnotifikaw l-attivitajiet tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti.	(23) Sabiex jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' dan ir-Regolament, huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw l-istabbilimenti soġġetti għall-kontrolli uffiċjali tagħhom***, u li l-konsumaturi jkunu jistgħu jikkonsultaw reġistru pubbliku tal-istabbilimenti nnotifikati***. Għalhekk jeħtieġ li l-operaturi li jżommu l-klieb u l-qtates fi stabbilimenti jinnotifikaw l-attivitajiet tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti***, u li l-awtoritajiet kompetenti jżommu reġistru pubbliku aġġornat ta' dawn l-istabbilimenti. Sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu, għal dak l-iskop, jużaw l-informazzjoni jew id-data miġbura fir-reġistru tal-istabbilimenti tal-klieb u l-qtates skont ir-Regolament (UE) 2016/429***.

Or. en

Emenda 223
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Persunal imħarreġ sew u bil-ħiliet huwa essenzjali għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali. Il-kompetenzi fil-benesseri tal-annimali jirrikjedu għarfien tax-xejriet u l-ħtiġijiet bażiċi tal-imġiba tal-ispeċi kkonċernata. Dawk li jieħdu ħsieb l-annimali jenħtieġ li jkollhom il-kompetenzi fil-benesseri tal-annimali rilevanti għall-kompiti tagħhom u l-annimali li jimmaniġġaw, sabiex jiġi evitat li jikkawżaw uġigħ, tbatija u	(24) Persunal imħarreġ sew u bil-ħiliet huwa essenzjali għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali. Il-kompetenzi fil-benesseri tal-annimali jirrikjedu għarfien tax-xejriet u l-ħtiġijiet bażiċi tal-imġiba tal-ispeċi kkonċernata. Dawk li jieħdu ħsieb l-annimali jenħtieġ li jkollhom il-kompetenzi fil-benesseri tal-annimali rilevanti għall-kompiti tagħhom u l-annimali li jimmaniġġaw, sabiex jiġi evitat li jikkawżaw uġigħ, tbatija u

sofferenza lill-klieb u l-qtates.	sofferenza lill-klieb u l-qtates. ***Jenħtieġ li dawk li jieħdu ħsieb l-annimali jaġġornaw il-kompetenzi tagħhom regolarment permezz ta' programmi ta' taħriġ.***

Or. en

Emenda 224
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Minħabba l-fatt li l-benesseri tal-annimali jinkludi s-saħħa tal-annimali, il-veterinarji jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu pariri lill-operaturi bl-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni tal-benesseri tal-annimali fl-istabbilimenti. Jenħtieġ li l-veterinarji jkollhom rwol attiv fis-sensibilizzazzjoni dwar l-interrelazzjoni bejn is-saħħa u l-benesseri ta' dawk l-annimali. Għalhekk, l-istabbilimenti li jżommu l-klieb u l-qtates jenħtieġ li jirċievu żjara ***regolari*** dwar il-benesseri tal-annimali minn veterinarju.	(25) Minħabba l-fatt li l-benesseri tal-annimali jinkludi s-saħħa tal-annimali, il-veterinarji jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu pariri lill-operaturi bl-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni tal-benesseri tal-annimali fl-istabbilimenti. Jenħtieġ li l-veterinarji jkollhom rwol attiv fis-sensibilizzazzjoni dwar l-interrelazzjoni bejn is-saħħa u l-benesseri ta' dawk l-annimali. Għalhekk, l-istabbilimenti li jżommu l-klieb u l-qtates jenħtieġ li jirċievu żjara ***annwali*** dwar il-benesseri tal-annimali minn veterinarju***, b'mod partikolari għall-fini ta' valutazzjoni u għoti ta' pariri rigward il-konformità kontinwa mar-regoli ta' din il-leġiżlazzjoni dwar prattiki li jikkawżaw l-uġigħ u prattiki ta' trattament***.

Or. en

Emenda 225
Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(25) Minħabba l-fatt li l-benesseri tal-annimali jinkludi s-saħħa tal-annimali, il-veterinarji jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu pariri lill-operaturi bl-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni tal-benesseri tal-annimali fl-istabbilimenti. Jenħtieġ li l-veterinarji jkollhom rwol attiv fis-sensibilizzazzjoni dwar l-interrelazzjoni bejn is-saħħa u l-benesseri ta' dawk l-annimali. Għalhekk, l-istabbilimenti li jżommu l-klieb u l-qtates jenħtieġ li jirċievu żjara regolari dwar il-benesseri tal-annimali minn veterinarju.	(25) Minħabba l-fatt li l-benesseri tal-annimali jinkludi s-saħħa tal-annimali, il-veterinarji jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu pariri lill-operaturi bl-għan li tittejjeb is-sitwazzjoni tal-benesseri tal-annimali fl-istabbilimenti. Jenħtieġ li l-veterinarji jkollhom rwol attiv fis-sensibilizzazzjoni dwar l-interrelazzjoni bejn is-saħħa u l-benesseri ta' dawk l-annimali. Għalhekk, l-istabbilimenti li jżommu l-klieb u l-qtates jenħtieġ li jirċievu żjara regolari dwar il-benesseri tal-annimali minn veterinarju ***biex iwettaq kontroll tas-saħħa annwali obbligatorju***.

Or. fr

Emenda 226
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Huwa meħtieġ li l-veterinarji jkunu indipendenti biżżejjed mill-operatur, u li jiksbu edukazzjoni tajba u jiġu mħarrġa regolarment biex jibqgħu aġġornati mal-aħħar żviluppi u għarfien. Dan it-taħriġ jenħtieġ li jinkludi wkoll il-kapaċità li jagħrfu s-sitwazzjonijiet ta' vjolenza domestika u abbuż tal-annimali, li spiss ikunu interrelatati.

Or. en

Emenda 227
Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(25a) Peress li l-klieb u l-qtates mhux imlaqqma mnissla f'kundizzjonijiet ħżiena jistgħu jġorru mard trażmissibbli, l-annimali jenħtieġ li jiġu assenjati fil-ħin tar-reġistrazzjoni tagħhom lil veterinarju prattikanti responsabbli għall-monitoraġġ ta' saħħithom.

Or. fr

Emenda 228
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25b) Il-maġġoranza l-kbira tal-prattikanti veterinarji jittrattaw annimali minn santwarji tas-salvataġġ, u madwar terz tal-klieb u l-qtates tad-dar jinkisbu mis-santwarji. L-annimali fis-santwarji jistgħu jkunu f'riskju akbar ta' mard infettiv minħabba l-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' kuntatt mill-qrib, kif ukoll minħabba fatturi ta' ġestjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm disponibbli taħriġ suffiċjenti għal dawk li jieħdu ħsieb l-annimali u għall-veterinarji speċjalizzati kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll f'termini ta' kwalità. Pereżempju, billi x-Shelter Medicine, b'enfasi fuq is-saħħa tal-merħla, issir parti mill-kurrikulu tal-fakultajiet veterinarji, kif diġà huwa l-każ fin-Netherlands, fil-Kroazja, fi Spanja, fil-Portugall u fil-Gran Brittanja. Barra minn hekk, il-Bord Ewropew tal-Ispeċjalizzazzjoni Veterinarja jenħtieġ li japprova x-Shelter Medicine bħala speċjaliżmu tal-UE.

Or. en

Emenda 229
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25c) Sabiex jiġu kkoreġuti malajr sitwazzjonijiet ta' theddid, f'każijiet meta l-veterinarji jkunu xhieda ta' sitwazzjonijiet li joħolqu theddida serja għall-benesseri tal-klieb jew tal-qtates matul iż-żjara tagħhom dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, jenħtieġ li dawn ikunu obbligati jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, u jenħtieġ li jwettqu żjara ta' segwitu fi żmien xahrejn.

Or. en

Emenda 230
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Ċerti strateġiji tat-tnissil jistgħu jwasslu għal problemi ta' benesseri għall-klieb u l-qtates. Bl-għażla ta' ċerti karatteristiċi ġenetiċi għal raġunijiet estetiċi jew għal raġunijiet oħrajn ta' kummerċjalizzazzjoni, jistgħu jinħolqu wkoll karatteristiċi mhux mixtieqa minn perspettiva ta' benesseri tal-annimali u jiġu mgħoddija lil ġenerazzjonijiet futuri. Għalhekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil tagħhom ma jwasslux għal konsegwenzi negattivi bħal dawn għall-benesseri tal-klieb u l-qtates.	(26) Ċerti strateġiji tat-tnissil jistgħu jwasslu għal problemi ta' benesseri għall-klieb u l-qtates. Bl-għażla ta' ċerti karatteristiċi ġenetiċi għal raġunijiet estetiċi jew għal raġunijiet oħrajn ta' kummerċjalizzazzjoni, jistgħu jinħolqu wkoll karatteristiċi mhux mixtieqa minn perspettiva ta' benesseri tal-annimali u jiġu mgħoddija lil ġenerazzjonijiet futuri. Għalhekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil tagħhom ma jwasslux għal konsegwenzi negattivi bħal dawn għall-benesseri tal-klieb u l-qtates. ***It-tnissil selettiv tad-difetti ma jridx jibqa' jiġi permess.***

Or. de

Emenda 231
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Sabiex jiġu miġġielda l-iżvilupp u t-tixrid tar-reżistenza antimikrobika, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li stabbilimenti speċifiċi ma jamministrawx b'mod eċċessiv l-antibijotiċi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti ta' monitoraġġ u reġistrazzjoni għall-użu tal-antibijotiċi fl-istabbilimenti.

Or. en

Emenda 232
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) L-evidenza xjentifika turi li t-tgħammir ta' annimali tal-istess demm għandu impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa u l-benesseri tal-annimali. Għalhekk, it-tgħammir ta' klieb u qtates tal-istess demm inkluż it-tgħammir tal-ewwel grad u tat-tieni grad jenħtieġ li jkun ipprojbit, peress li dan iżid l-inċidenza ta' disturbi li jintirtu u jikkompromettu l-funzjoni tas-sistema immunitarja, li t-tnejn li huma jħallu impatt avvers fuq is-saħħa u l-benesseri tal-klieb u tal-qtates.	(27) L-evidenza xjentifika turi li t-tgħammir ta' annimali tal-istess demm għandu impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa u l-benesseri tal-annimali. Għalhekk, it-tgħammir ta' klieb u qtates tal-istess demm inkluż it-tgħammir tal-ewwel grad u tat-tieni grad jenħtieġ li jkun ipprojbit, peress li dan iżid l-inċidenza ta' disturbi li jintirtu u jikkompromettu l-funzjoni tas-sistema immunitarja, li t-tnejn li huma jħallu impatt avvers fuq is-saħħa u l-benesseri tal-klieb u tal-qtates. ***Madankollu, it-tgħammir ta' annimali tal-istess demm jenħtieġ li jkun possibbli meta dan ikun meħtieġ biex jiġu ppreservati razez lokali b'patrimonju***

ġenetiku limitat u jenħtieġ li jkun awtorizzat abbażi ta' dan mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Emenda 233
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Għal kull razza ta' kelb u qattus hemm lista ta' standards fiżiċi li jiggarantixxu d-dehra u l-benesseri tal-annimal. Dawn l-istandards jiġu evitati regolarment minn nissiela bla skrupli li jġiegħlu d-dehra ta' dawn il-karatteristiċi matul it-tnissil biex jimxu mal-moda jew biex jissodisfaw l-aspettattivi estetiċi tal-pubbliku. Dawn il-karatteristiċi eżaġerati jistgħu jikkawżaw mard (għama, truxija, problemi kardijaċi, eċċ.) jew tbatija profonda (saqajn qosra wisq, wiċċ ċatt wisq għan-nifs, eċċ.). In-nissiela responsabbli għal dawn l-abbużi jenħtieġ li jiġu ppenalizzati. In-nissiela approvati li jirrispettaw dawn l-istandards jenħtieġ li jiġu appoġġati.

Or. fr

Emenda 234
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-evidenza xjentifika hija ċara dwar il-ħtieġa li l-klieb u l-qtates ikollhom biżżejjed spazju biex jesprimu l-imġiba	(30) L-evidenza xjentifika hija ċara dwar il-ħtieġa li l-klieb u l-qtates ikollhom biżżejjed spazju biex jesprimu l-imġiba

naturali tagħhom u jkollhom interazzjonijiet soċjali normali. Dan ma huwiex possibbli meta l-annimali jinżammu f'konfinament u fil-gaġeġ. Għalhekk, jenħtieġ li ż-żamma tal-klieb u tal-qtates fil-gaġeġ tiġi pprojbita.	naturali tagħhom u jkollhom interazzjonijiet soċjali normali. Dan ma huwiex possibbli meta l-annimali jinżammu f'konfinament u fil-gaġeġ ***għal perjodi twal***. Għalhekk, jenħtieġ li ż-żamma tal-klieb u tal-qtates fil-gaġeġ ***għal perjodi twal*** tiġi pprojbita.

Or. fr

Emenda 235
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-evidenza xjentifika hija ċara dwar il-ħtieġa li l-klieb u l-qtates ikollhom biżżejjed spazju biex jesprimu l-imġiba naturali tagħhom u jkollhom interazzjonijiet soċjali normali. Dan ma huwiex possibbli meta l-annimali jinżammu f'konfinament u fil-gaġeġ. Għalhekk, jenħtieġ li ż-żamma tal-klieb u tal-qtates fil-gaġeġ tiġi pprojbita.	(30) L-evidenza xjentifika hija ċara dwar il-ħtieġa li l-klieb u l-qtates ikollhom biżżejjed spazju biex jesprimu l-imġiba naturali tagħhom u jkollhom interazzjonijiet soċjali normali. Dan ma huwiex possibbli meta l-annimali jinżammu f'konfinament u fil-gaġeġ. Għalhekk, jenħtieġ li ż-żamma tal-klieb u tal-qtates fil-gaġeġ ***u l-kontenituri*** tiġi pprojbita.

Or. en

Emenda 236
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet fit-tqala u jiġi kompromess il-benesseri tagħhom, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jitgħammru biss wara li jilħqu maturità skelettrika kif	(33) Sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet fit-tqala u jiġi kompromess il-benesseri tagħhom, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jitgħammru biss wara li jilħqu maturità skelettrika kif

ukoll sesswali. Sabiex ikunu jistgħu jirkupraw fiżikament mit-tqala u t-treddigħ, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jiġu riammessi biss għar-riproduzzjoni wara perjodu ta' żmien suffiċjenti. Madankollu, biex jiġu pprevenuti ċerti kundizzjonijiet riproduttivi patoloġiċi fil-klieb u fil-qtates femminili, bħal pjometrija, jenħtieġ li jkunu permessi sa tliet tqaliet konsekuttivi, segwiti minn perjodu ta' rkupru adegwat. Ir-riproduzzjoni jenħtieġ li tieqaf gradwalment fil-klieb u l-qtates femminili li jidħlu għal età akbar.	ukoll sesswali. Sabiex ikunu jistgħu jirkupraw fiżikament mit-tqala u t-treddigħ, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jiġu riammessi biss għar-riproduzzjoni wara perjodu ta' żmien suffiċjenti. Madankollu, biex jiġu pprevenuti ċerti kundizzjonijiet riproduttivi patoloġiċi fil-klieb u fil-qtates femminili, bħal pjometrija, jenħtieġ li jkunu permessi sa tliet tqaliet konsekuttivi, ***bi spazju ta' sena 'l bogħod minn xulxin,*** segwiti minn perjodu ta' rkupru adegwat ***ta' minimu ta' sentejn***. Ir-riproduzzjoni jenħtieġ li tieqaf gradwalment fil-klieb u l-qtates femminili li jidħlu għal età akbar. ***L-annimali femminili kollha użati għar-riproduzzjoni jenħtieġ li jiġu mmonitorjati regolarment minn veterinarju approvat.***
	Or. fr

Emenda 237
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet fit-tqala u jiġi kompromess il-benesseri tagħhom, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jitgħammru biss wara li jilħqu maturità skelettrika kif ukoll sesswali. Sabiex ikunu jistgħu jirkupraw fiżikament mit-tqala u t-treddigħ, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jiġu riammessi biss għar-riproduzzjoni wara perjodu ta' żmien suffiċjenti. Madankollu, biex jiġu pprevenuti ċerti kundizzjonijiet riproduttivi patoloġiċi fil-klieb u fil-qtates femminili, bħal pjometrija, jenħtieġ li jkunu permessi sa tliet tqaliet konsekuttivi, segwiti minn perjodu ta' rkupru adegwat. Ir-riproduzzjoni jenħtieġ li tieqaf gradwalment fil-klieb u l-qtates femminili	(33) Sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet fit-tqala u jiġi kompromess il-benesseri tagħhom, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jitgħammru biss wara li jilħqu maturità skelettrika kif ukoll sesswali. Sabiex ikunu jistgħu jirkupraw fiżikament mit-tqala u t-treddigħ, il-klieb u l-qtates femminili jenħtieġ li jiġu riammessi biss għar-riproduzzjoni wara perjodu ta' żmien suffiċjenti. Madankollu, biex jiġu pprevenuti ċerti kundizzjonijiet riproduttivi patoloġiċi fil-klieb u fil-qtates femminili, bħal pjometrija, jenħtieġ li jkunu permessi sa tliet tqaliet konsekuttivi, segwiti minn perjodu ta' rkupru adegwat ***ta' mill-inqas sena***. Ir-riproduzzjoni jenħtieġ li tieqaf gradwalment fil-klieb u l-

li jidħlu għal età akbar.	qtates femminili li jidħlu għal età akbar.

Or. en

Emenda 238
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-bidla fil-prattiki rigward iċ-ċiklu ta' riproduzzjoni meħtieġ minn dan ir-Regolament tista' f'xi każijiet, ikollha impatt fuq il-livell ta' dħul tan-nissiela tal-klieb u l-qtates minħabba l-għadd dejjem jonqos ta' ġriewi u frieħ prodotti fis-sena. Għalhekk jeħtieġ li n-nissiela jingħataw żmien addizzjonali biex jadattaw il-mudell tan-negozju tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 239
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Nicolae Ştefănuță

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Sabiex tiġi evitata l-popolazzjoni żejda u biex jinħolqu kundizzjonijiet aktar sikuri u tajbin għas-saħħa għall-klieb u l-qtates, il-programmi ta' finanzjament tal-UE jenħtieġ li jipprovdu assistenza finanzjarja ulterjuri lis-santwarji għall-kastrazzjoni jew it-tiswija tal-klieb u l-qtates li jgħixu fit-triq.

Or. en

Emenda 240
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) L-istabbilimenti tat-tnissil li jużaw prattiki abbużivi jew intensivi jenħtieġ li jiġu identifikati u magħluqa, b'kundanna qawwija tas-sidien u garanzija li l-annimali se jiġu salvati.

Or. fr

Emenda 241
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-proċeduri bl-iskop li tinbidel id-dehra jew li tiġi pprevenuta ċerta mġiba tal-qtates u tal-klieb, bħall-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, it-tneħħija tad-dwiefer u t-tneħħija tal-kordi vokali, għandhom impatt negattiv serju fuq il-benesseri tal-qtates u tal-klieb. Dawn il-proċeduri jikkawżaw uġigħ u jipprevjenu lill-qtates u lill-klieb milli jesprimu mġiba innata. Għal ***din ir-raġuni***, ***dawn jenħtieġ li jkunu permessi biss jekk jitwettqu minn veterinarju*** u ***meta jkun meħtieġ biss*** għal raġunijiet ***mediċi***.	(36) Il-proċeduri bl-iskop li tinbidel id-dehra jew li tiġi pprevenuta ċerta mġiba tal-qtates u tal-klieb, bħall-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, it-tneħħija tad-dwiefer u t-tneħħija tal-kordi vokali, għandhom impatt negattiv serju fuq il-benesseri tal-qtates u tal-klieb. Dawn il-proċeduri jikkawżaw uġigħ u jipprevjenu lill-qtates u lill-klieb milli jesprimu mġiba innata. ***Madankollu, għal ċerti razez ta' klieb tal-kaċċa, li joperaw f'kuntesti u f'żoni speċifiċi tal-Ewropa, il-qtugħ tad-denb jista' jkun iġġustifikat sabiex jiġu evitati korrimenti tad-denb. Għalhekk, wara evalwazzjoni medika sħiħa*** u ***kompluta, tali prattiki jistgħu jkunu permessi*** għal raġunijiet ***profilattiċi, dijanjostiċi u/jew terapewtiċi, u biss jekk jitwettqu minn veterinarju***.

Or. en

Emenda 242
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-proċeduri bl-iskop li tinbidel id-dehra jew li tiġi pprevenuta ċerta mġiba tal-qtates u tal-klieb, bħall-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, it-tneħħija tad-dwiefer u t-tneħħija tal-kordi vokali, għandhom impatt negattiv serju fuq il-benesseri tal-qtates u tal-klieb. Dawn il-proċeduri jikkawżaw uġigħ u jipprevjenu lill-qtates u lill-klieb milli jesprimu mġiba innata. Għal din ir-raġuni, dawn ***jenħtieġ li*** jkunu permessi biss jekk jitwettqu minn veterinarju u meta jkun meħtieġ biss għal raġunijiet mediċi.	(36) Il-proċeduri bl-iskop li tinbidel id-dehra jew li tiġi pprevenuta ċerta mġiba tal-qtates u tal-klieb, bħall-qtugħ tal-widnejn, il-qtugħ tad-denb, it-tneħħija tad-dwiefer u t-tneħħija tal-kordi vokali, għandhom impatt negattiv serju fuq il-benesseri tal-qtates u tal-klieb. Dawn il-proċeduri jikkawżaw uġigħ u jipprevjenu lill-qtates u lill-klieb milli jesprimu mġiba innata. Għal din ir-raġuni, dawn ***jistgħu*** jkunu permessi biss jekk jitwettqu minn veterinarju u meta jkun ***assolutament*** meħtieġ biss għal raġunijiet mediċi.

Or. de

Emenda 243
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Il-klieb użati fis-servizzi militari, tal-pulizija u tad-dwana normalment jgħaddu minn tip speċifiku ħafna ta' taħriġ li għandu jitħejja fl-interess tas-sigurtà nazzjonali. Sabiex ikollhom il-possibbiltà li jiksbu t-taħriġ meqjus l-aktar xieraq, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu derogi lill-operaturi li jżommu fl-istabbilimenti tat-tnissil jew tal-bejgħ tagħhom klieb li jistgħu jkunu ddestinati li jkunu klieb militari, tal-pulizija jew tad-dwana.

Emenda 244
Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Xi operaturi li jqiegħdu fis-suq il-klieb u l-qtates, jew is-santwarji li jfornu l-klieb u l-qtates, iħeġġu lill-klijenti potenzjali jixtru bi kwalunkwe kost billi jużaw argumenti emozzjonali, mingħajr ma jsemmu lis-sid potenzjali l-konsegwenzi tas-sjieda ta' annimal tad-dar. Operaturi jew santwarji oħrajn jenfasizzaw ir-responsabbiltà marbuta mas-sjieda tal-annimali tad-dar u dan għandu l-effett li jillimita l-kapaċità tagħhom li jbigħu l-annimali. Din id-diskrepanza fl-attitudnijiet tal-operaturi għandha t-tendenza li tagħti vantaġġ lill-operaturi inqas responsabbli, li twassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni minkejja l-importanza għall-benesseri tal-annimali u għall-ordni pubbliku li jinformaw lill-klijenti dwar ir-responsabbiltà tagħhom meta jixtru kelb jew qattus. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-fornituri kollha tal-klieb u l-qtates fis-suq tal-Unjoni għall-użu bħala annimali tad-dar ikunu meħtieġa jinformaw lis-sidien futuri dwar ir-responsabbiltà tagħhom. Barra minn hekk, ***fejn il-forniment*** ta' kelb jew qattus jiġi ffaċilitat permezz ta' mezzi online, jenħtieġ li twissija xierqa takkumpanja r-reklamar online biex twassal b'mod effiċjenti l-messaġġ ta' sjieda responsabbli.	(38) Xi operaturi li jqiegħdu fis-suq il-klieb u l-qtates, jew is-santwarji li jfornu l-klieb u l-qtates, iħeġġu lill-klijenti potenzjali jixtru bi kwalunkwe kost billi jużaw argumenti emozzjonali, mingħajr ma jsemmu lis-sid potenzjali l-konsegwenzi tas-sjieda ta' annimal tad-dar. Operaturi jew santwarji oħrajn jenfasizzaw ir-responsabbiltà marbuta mas-sjieda tal-annimali tad-dar u dan għandu l-effett li jillimita l-kapaċità tagħhom li jbigħu l-annimali. Din id-diskrepanza fl-attitudnijiet tal-operaturi għandha t-tendenza li tagħti vantaġġ lill-operaturi inqas responsabbli, li twassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni minkejja l-importanza għall-benesseri tal-annimali u għall-ordni pubbliku li jinformaw lill-klijenti dwar ir-responsabbiltà tagħhom meta jixtru kelb jew qattus. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-fornituri kollha tal-klieb u l-qtates fis-suq tal-Unjoni għall-użu bħala annimali tad-dar ikunu meħtieġa jinformaw lis-sidien futuri dwar ir-responsabbiltà tagħhom. Barra minn hekk, ***meta l-forniment*** ta' kelb jew qattus jiġi ffaċilitat permezz ta' mezzi online, jenħtieġ li twissija xierqa takkumpanja r-reklamar online biex twassal b'mod effiċjenti l-messaġġ ta' sjieda responsabbli ***u tipprovdi informazzjoni dwar il-konsegwenzi legali u finanzjarji tal-abbandun. L-introduzzjoni tar-reġistrazzjoni obbligatorja tal-annimali, bil-monitoraġġ tal-bidliet tas-sid, se tippermetti li jinstabu dawk ħatja, meta dan ikun meħtieġ, jekk l-annimali jiġu abbandunati.***

Or. fr

Emenda 245
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Ir-reklami għall-klieb u l-qtates jiskattaw ix-xiri impulsiv u jiġġeneraw xejriet ħżiena għas-saħħa meta jkunu "moda" annimali b'ċerti dehra u karatteristiċi. Dan iwassal għal ħafna każijiet ta' abbuż u abbandun tal-annimali meta din ix-xejra tkun għaddiet. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu pprojbiti r-reklami għall-klieb u l-qtates, inkluż fil-media (soċjali) online.

Or. en

Emenda 246
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) It-traffikar illegali u l-prattiki frawdolenti fir-rigward tal-bejgħ jew tat-trasferiment ta' klieb u qtates għall-adozzjoni huma ffaċilitati min-nuqqas ta' traċċabbiltà minħabba n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għal dawk l-annimali. Barra minn hekk, jistgħu jidhru prattiki frawdolenti meta s-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates ma jkunux armonizzati jew ma jkunux jistgħu jitħaddmu faċilment minħabba li s-sistemi tekniċi ma jkunux interoperabbli. Għalhekk huwa essenzjali li	(39) It-traffikar illegali u l-prattiki frawdolenti fir-rigward tal-bejgħ jew tat-trasferiment ta' klieb u qtates għall-adozzjoni huma ffaċilitati min-nuqqas ta' traċċabbiltà minħabba n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għal dawk l-annimali. Barra minn hekk, jistgħu jidhru prattiki frawdolenti meta s-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates ma jkunux armonizzati jew ma jkunux jistgħu jitħaddmu faċilment minħabba li s-sistemi tekniċi ma jkunux interoperabbli. Għalhekk huwa essenzjali li

jiġu armonizzati l-istandards għall-mezzi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni u li jiġi żgurat li l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates jitlestew qabel ma l-annimal ***jiġi fornut*** fl-Unjoni għall-ewwel darba. Il-fornituri tal-klieb u l-qtates ***jenħtieġ li*** jipprovdu evidenza ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni f'waħda mill-bażijiet tad-data stabbiliti mill-Istati Membri għal dan l-għan***, qabel l-ewwel tqegħid fis-suq tal-annimal fl-Unjoni. Sussegwentement,*** f'kull bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà għall-annimal***, il-fornitur irid jipprovdi prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimal f'waħda mill-bażijiet tad-data. F'ġieħ il-proporzjonalità, il-persuni fiżiċi li jfornu l-klieb u l-qtates kultant b'mezzi oħrajn minbarra l-pjattaformi online jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal dan l-obbligu.***	jiġu armonizzati l-istandards għall-mezzi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni u li jiġi żgurat li l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates jitlestew qabel ma l-annimal ***jidħol*** fl-Unjoni għall-ewwel darba. Il-fornituri ***u s-sidien*** tal-klieb u l-qtates ***kollha jridu*** jipprovdu evidenza ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni f'waħda mill-bażijiet tad-data stabbiliti mill-Istati Membri għal dan l-għan ***wara t-twelid tagħhom u*** f'kull bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà għall-annimal.
	Or. en

Emenda 247
Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) It-traffikar illegali u l-prattiki frawdolenti fir-rigward tal-bejgħ jew tat-trasferiment ta' klieb u qtates għall-adozzjoni huma ffaċilitati min-nuqqas ta' traċċabbiltà minħabba n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għal dawk l-annimali. Barra minn hekk, jistgħu jidhru prattiki frawdolenti meta s-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates ma jkunux armonizzati jew ma jkunux jistgħu jitħaddmu faċilment minħabba li s-sistemi tekniċi ma jkunux interoperabbli. Għalhekk huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-istandards għall-mezzi	(39) It-traffikar illegali u l-prattiki frawdolenti fir-rigward tal-bejgħ jew tat-trasferiment ta' klieb u qtates għall-adozzjoni huma ffaċilitati min-nuqqas ta' traċċabbiltà minħabba n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għal dawk l-annimali. Barra minn hekk, jistgħu jidhru prattiki frawdolenti meta s-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates ma jkunux armonizzati jew ma jkunux jistgħu jitħaddmu faċilment minħabba li s-sistemi tekniċi ma jkunux interoperabbli. Għalhekk huwa essenzjali li jiġu armonizzati l-istandards għall-mezzi

ta’ identifikazzjoni u reġistrazzjoni u li jiġi żgurat li l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates jitlestew qabel ma l-annimal jiġi fornut fl-Unjoni għall-ewwel darba. Il-fornituri tal-klieb u l-qtates jenħtieġ li jipprovdu evidenza ta’ identifikazzjoni u reġistrazzjoni f’waħda mill-bażijiet tad-data stabbiliti mill-Istati Membri għal dan l-għan, qabel l-ewwel tqegħid fis-suq tal-annimal fl-Unjoni. Sussegwentement, f’kull bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà għall-annimal, il-fornitur ***irid*** jipprovdi prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimal f’waħda mill-bażijiet tad-data. F’ġieħ il-proporzjonalità, il-persuni fiżiċi li jfornu l-klieb u l-qtates kultant b’mezzi oħrajn minbarra l-pjattaformi online jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal dan l-obbligu.	ta’ identifikazzjoni u reġistrazzjoni u li jiġi żgurat li l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates jitlestew qabel ma l-annimal jiġi fornut fl-Unjoni għall-ewwel darba. Il-fornituri tal-klieb u l-qtates jenħtieġ li jipprovdu evidenza ta’ identifikazzjoni u reġistrazzjoni f’waħda mill-bażijiet tad-data stabbiliti mill-Istati Membri għal dan l-għan, qabel l-ewwel tqegħid fis-suq tal-annimal fl-Unjoni. Sussegwentement, f’kull bidla fis-sjieda jew fir-responsabbiltà għall-annimal, il-fornitur ***jeħtieġ*** jipprovdi prova tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimal f’waħda mill-bażijiet tad-data ***u ma’ veterinarju***. F’ġieħ il-proporzjonalità, il-persuni fiżiċi li jfornu l-klieb u l-qtates kultant b’mezzi oħrajn minbarra l-pjattaformi online jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal dan l-obbligu.
	Or. fr

Emenda 248
Valérie Deloge, Vilis Krištopans, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Il-fornituri tal-klieb u tal-qtates jenħtieġ li mhux biss jipprovdu evidenza ta’ identifikazzjoni, li turi dokument li jirreferi għall-kodiċi tat-transponder impjantat fl-annimal, iżda anke evidenza tar-reġistrazzjoni ta’ dak l-annimal f’bażi tad-data uffiċjali. Dan jippermetti li l-informazzjoni ewlenija dwar l-annimal tgħaddi għand is-sid il-ġdid u jiżgura t-traċċabbiltà.	(40) Il-fornituri tal-klieb u tal-qtates jenħtieġ li mhux biss jipprovdu evidenza ta’ identifikazzjoni, li turi dokument li jirreferi għall-kodiċi tat-transponder impjantat fl-annimal ***jew in-numru tat-tatwaġġ***, iżda anke evidenza tar-reġistrazzjoni ta’ dak l-annimal f’bażi tad-data uffiċjali. Dan jippermetti li l-informazzjoni ewlenija dwar l-annimal tgħaddi għand is-sid il-ġdid u jiżgura t-traċċabbiltà.
	Or. fr

Emenda 249
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Peress li l-biċċa l-kbira tal-klieb u l-qtates attwalment jiġu offruti għall-bejgħ jew għad-donazzjoni permezz ta' ***listi*** mqiegħda fuq pjattaformi online, jenħtieġ li l-forniturі ta' pjattaformi online jaġixxu b'diliġenza meta jagħmluha ta' intermedjarji tal-aċċess għall-klieb u l-qtates. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2022/2065, jenħtieġ li l-pjattaformi online jkunu meħtieġa jadattaw il-modalitajiet ***tal-listi*** tagħhom għall-klieb u l-qtates sabiex il-forniturі jipprovdu provi tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates maħsuba għall-bejgħ jew għad-donazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iżvilupp ta' sistema disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas li tippermetti li tiġi vverifikata l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ta' kelb jew qattus. Din il-miżura għandha l-għan li tiġġieled aħjar il-frodi billi ttejjeb it-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni għall-oriġini tagħhom, tippermetti kontrolli aħjar mill-awtoritajiet kompetenti u fl-aħħar mill-aħħar ittejjeb il-benesseri ta' dawn l-annimali. Dan jenħtieġ li ma jammontax għal obbligu għall-pjattaformi online li jimmonitorjaw b'mod ġenerali ***l-listi*** offruti permezz tal-pjattaforma tagħhom, u lanqas għal obbligu ġenerali ta' tiftix tal-fatti mmirat lejn il-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tal-offerta.	(41) Peress li l-biċċa l-kbira tal-klieb u l-qtates attwalment jiġu offruti għall-bejgħ jew għad-donazzjoni permezz ta' ***avviżi*** mqiegħda fuq pjattaformi online, jenħtieġ li l-forniturі ta' pjattaformi online jaġixxu b'diliġenza meta jagħmluha ta' intermedjarji tal-aċċess għall-klieb u l-qtates. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2022/2065, jenħtieġ li l-pjattaformi online jkunu meħtieġa jadattaw il-modalitajiet ***tal-avviżi*** tagħhom għall-klieb u l-qtates sabiex ***l-avviżi jkunu jistgħu jittellgħu online biss jekk*** il-forniturі jipprovdu provi tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates maħsuba għall-bejgħ jew għad-donazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iżvilupp ta' sistema disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas li tippermetti li tiġi vverifikata l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ta' kelb jew qattus. Din il-miżura għandha l-għan li tiġġieled aħjar il-frodi billi ttejjeb it-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni għall-oriġini tagħhom, tippermetti kontrolli aħjar mill-awtoritajiet kompetenti u fl-aħħar mill-aħħar ittejjeb il-benesseri ta' dawn l-annimali. Dan jenħtieġ li ma jammontax għal obbligu għall-pjattaformi online li jimmonitorjaw b'mod ġenerali ***l-avviżi*** offruti permezz tal-pjattaforma tagħhom, u lanqas għal obbligu ġenerali ta' tiftix tal-fatti mmirat lejn il-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tal-offerta.

Or. fr

Emenda 250
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Peress li l-biċċa l-kbira tal-klieb u l-qtates attwalment jiġu offruti għall-bejgħ jew għad-donazzjoni permezz ta' ***listi*** mqiegħda fuq pjattaformi online, jenħtieġ li l-forniturі ta' pjattaformi online jaġixxu b'diliġenza meta jagħmluha ta' intermedjarji tal-aċċess għall-klieb u l-qtates. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2022/2065, jenħtieġ li l-pjattaformi online jkunu meħtieġa jadattaw il-modalitajiet ***tal-listi*** tagħhom għall-klieb u l-qtates sabiex il-forniturі jipprovdu provi tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates maħsuba għall-bejgħ jew għad-donazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iżvilupp ta' sistema disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas li tippermetti li tiġi vverifikata l-awtenticità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ta' kelb jew qattus. Din il-miżura għandha l-għan li tiġġieled aħjar il-frodi billi ttejjeb it-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni għall-oriġini tagħhom, tippermetti kontrolli aħjar mill-awtoritajiet kompetenti u fl-aħħar mill-aħħar ittejjeb il-benesseri ta' dawn l-annimali. ***Dan jenħtieġ li ma jammontax għal obbligu għall-pjattaformi online li jimmonitorjaw b'mod ġenerali l-listi offruti permezz tal-pjattaforma tagħhom, u lanqas għal obbligu ġenerali ta' tiftix tal-fatti mmirat lejn il-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tal-offerta.***	(41) Peress li l-biċċa l-kbira tal-klieb u l-qtates attwalment jiġu offruti għall-bejgħ jew għad-donazzjoni permezz ta' ***avviżi*** mqiegħda fuq pjattaformi online, jenħtieġ li l-forniturі ta' pjattaformi online jaġixxu b'diliġenza meta jagħmluha ta' intermedjarji tal-aċċess għall-klieb u l-qtates. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2022/2065, jenħtieġ li l-pjattaformi online jkunu meħtieġa jadattaw il-modalitajiet ***tal-avviżi*** tagħhom għall-klieb u l-qtates sabiex il-forniturі jipprovdu provi tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates maħsuba għall-bejgħ jew għad-donazzjoni. ***Qabel ma avviż ikun jista' jintwera fuq il-pjattaformi tagħhom, il-forniturі tal-pjattaforma online jenħtieġ li jivverifikaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal ikkonċernat u l-affidabbiltà tal-bejjiegħ.*** Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iżvilupp ta' sistema disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas li tippermetti li tiġi vverifikata l-awtenticità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ta' kelb jew qattus. Din il-miżura għandha l-għan li tiġġieled aħjar il-frodi billi ttejjeb it-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni għall-oriġini tagħhom, tippermetti kontrolli aħjar mill-awtoritajiet kompetenti u fl-aħħar mill-aħħar ittejjeb il-benesseri ta' dawn l-annimali.

Or. en

Emenda 251

Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Peress li l-biċċa l-kbira tal-klieb u l-qtates attwalment jiġu offruti għall-bejgħ jew għad-donazzjoni permezz ta' ***listi*** mqiegħda fuq pjattaformi online, jenħtieġ li l-forniturі ta' pjattaformi online jaġixxu b'diliġenza meta jagħmluha ta' intermedjarji tal-aċċess għall-klieb u l-qtates. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2022/2065, jenħtieġ li l-pjattaformi online jkunu meħtieġa jadattaw il-modalitajiet ***tal-listi*** tagħhom għall-klieb u l-qtates sabiex il-forniturі jipprovdu provi tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates maħsuba għall-bejgħ jew għad-donazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iżvilupp ta' sistema disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas li tippermetti li tiġi vverifikata l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ta' kelb jew qattus. Din il-miżura għandha l-għan li tiġġieled aħjar il-frodi billi ttejjeb it-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni għall-oriġini tagħhom, tippermetti kontrolli aħjar mill-awtoritajiet kompetenti u fl-aħħar mill-aħħar ittejjeb il-benesseri ta' dawn l-annimali. Dan jenħtieġ li ma jammontax għal obbligu għall-pjattaformi online li jimmonitorjaw b'mod ġenerali ***l-listi*** offruti permezz tal-pjattaforma tagħhom, u lanqas għal obbligu ġenerali ta' tiftix tal-fatti mmirat lejn il-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tal-offerta.	(41) Peress li l-biċċa l-kbira tal-klieb u l-qtates attwalment jiġu offruti għall-bejgħ jew għad-donazzjoni permezz ta' ***reklami*** mqiegħda fuq pjattaformi online, jenħtieġ li l-forniturі ta' pjattaformi online jaġixxu b'diliġenza meta jagħmluha ta' intermedjarji tal-aċċess għall-klieb u l-qtates. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2022/2065, jenħtieġ li l-pjattaformi online jkunu meħtieġa jadattaw il-modalitajiet ***tar-reklami*** tagħhom għall-klieb u l-qtates sabiex il-forniturі jipprovdu provi tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u l-qtates maħsuba għall-bejgħ jew għad-donazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iżvilupp ta' sistema disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas li tippermetti li tiġi vverifikata l-awtentiċità tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ta' kelb jew qattus. Din il-miżura għandha l-għan li tiġġieled aħjar il-frodi billi ttejjeb it-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates fornuti fl-Unjoni għall-oriġini tagħhom, tippermetti kontrolli aħjar mill-awtoritajiet kompetenti u fl-aħħar mill-aħħar ittejjeb il-benesseri ta' dawn l-annimali. Dan jenħtieġ li ma jammontax għal obbligu għall-pjattaformi online li jimmonitorjaw b'mod ġenerali ***l-avviżi*** offruti permezz tal-pjattaforma tagħhom, u lanqas għal obbligu ġenerali ta' tiftix tal-fatti mmirat lejn il-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tal-offerta.

Or. en

Emenda 252
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates, l-annimali jenħtieġ li ma jiġux immarkati biss b'identifikatur uniku fil-forma ta' transponder, iżda l-identifikazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi rreġistrata wkoll f'bażi tad-data. Għalhekk, l-Istati Membri li għad ma għandhomx bażijiet tad-data nazzjonali għall-klieb u l-qtates jenħtieġ li jistabbilixxu dawn il-bażijiet tad-data sabiex l-identifikazzjoni tkun tista' tkun affidabbli u verifikata. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà fl-Unjoni, dawn il-bażijiet tad-data nazzjonali jenħtieġ li jkunu interoperabbli, u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni.	(43) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates, l-annimali jenħtieġ li ma jiġux immarkati biss b'identifikatur uniku fil-forma ta' transponder, iżda l-identifikazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi rreġistrata wkoll f'bażi tad-data. Għalhekk, l-Istati Membri li għad ma għandhomx bażijiet tad-data nazzjonali għall-klieb u l-qtates jenħtieġ li jistabbilixxu ***u jżommu*** dawn il-bażijiet tad-data sabiex l-identifikazzjoni tkun tista' tkun affidabbli u verifikata. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà fl-Unjoni, dawn il-bażijiet tad-data nazzjonali jenħtieġ li jkunu interoperabbli, u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi bażi tad-data tal-indiċi sabiex tiffaċilita l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet tad-data nazzjonali.***

Or. en

Emenda 253
Valérie Deloge, Vilis Krištopans, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates, l-annimali jenħtieġ li ma jiġux immarkati biss b'identifikatur uniku fil-forma ta' transponder, iżda l-identifikazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi rreġistrata wkoll f'bażi tad-data. Għalhekk, l-Istati Membri li għad ma għandhomx bażijiet tad-data nazzjonali għall-klieb u l-	(43) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates, l-annimali jenħtieġ li ma jiġux immarkati biss b'identifikatur uniku fil-forma ta' transponder ***jew tatwaġġ***, iżda l-identifikazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi rreġistrata wkoll f'bażi tad-data. Għalhekk, l-Istati Membri li għad ma għandhomx bażijiet tad-data nazzjonali

qtates jenħtieġ li jistabbilixxu dawn il-bażijiet tad-data sabiex l-identifikazzjoni tkun tista' tkun affidabbli u vverifikata. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà fl-Unjoni, dawn il-bażijiet tad-data nazzjonali jenħtieġ li jkunu interoperabbli, u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni.	għall-klieb u l-qtates jenħtieġ li jistabbilixxu dawn il-bażijiet tad-data sabiex l-identifikazzjoni tkun tista' tkun affidabbli u vverifikata. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà fl-Unjoni, dawn il-bażijiet tad-data nazzjonali jenħtieġ li jkunu interoperabbli, u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni.
	Or. fr

Emenda 254
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates***, l-annimali*** jenħtieġ li ma jiġux ***immarkati*** biss b'identifikatur uniku fil-forma ta' transponder, iżda l-identifikazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi rreġistrata wkoll f'bażi tad-data. Għalhekk, l-Istati Membri li ***għad ma għandhomx*** bażijiet tad-data nazzjonali għall-klieb u l-qtates ***jenħtieġ li jistabbilixxu dawn il-bażijiet tad-data*** sabiex l-identifikazzjoni tkun tista' tkun affidabbli u vverifikata. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà fl-Unjoni, dawn il-bażijiet tad-data nazzjonali jenħtieġ li jkunu interoperabbli, u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni.	(43) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates ***kollha,*** jenħtieġ li ma jiġux ***identifikati*** biss b'identifikatur uniku fil-forma ta' transponder, iżda l-identifikazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi rreġistrata wkoll f'bażi tad-data. Għalhekk, l-Istati Membri ***jenħtieġ*** li ***jkunu meħtieġa jistabbilixxu*** bażijiet tad-data nazzjonali għall-klieb u l-qtates sabiex l-identifikazzjoni tkun tista' tkun affidabbli u vverifikata. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà fl-Unjoni, dawn il-bażijiet tad-data nazzjonali jenħtieġ li jkunu interoperabbli, u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tal-identifikazzjoni.
	Or. en

Emenda 255
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 44a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44a) Il-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali hija dritt fundamentali. Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi regoli dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data. Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-Istati Membri matul il-proċeduri rilevanti. Ir-rwoli tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali f'każijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jeħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 22/2024, l-EDPS jilqa' r-referenza kemm għall-EUDPR kif ukoll għall-GDPR, minħabba l-fatt li r-Regolament propost jinvolvi l-ipproċessar ta' data mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (in-notifika u r-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti fl-Artikolu 7; in-notifika u r-reġistrazzjoni tal-klieb u tal-qtates f'bażi tad-data nazzjonali fl-Artikolu 19; is-sistema online ta' verifiki awtomatizzati tal-awtentiċità tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas fl-Artikolu 19).

Emenda 256
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 44b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44b) Għall-fini ta' dan ir-Regolament, l-ismijiet tal-persuni fiżiċi u d-dettalji ta' kuntatt relatati jistgħu jidhru fid-dokumenti pproċessati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri matul l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jiġifieri n-notifika u l-approvazzjoni tal-istabbilimenti, ir-reġistrazzjoni tal-klieb u tal-qtates u l-importazzjonijiet tal-klieb u tal-qtates u l-verifika tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-klieb u tal-qtates. Tali pproċessar ta' data personali huwa ġġustifikat mill-interess pubbliku li jiġi ggarantit ir-rispett għall-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' benesseri għall-klieb u għall-qtates, inkluż it-twettiq ta' kontroll uffiċjali u t-traċċabbiltà, u li tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-benesseri u jiġi miġġieled il-kummerċ illegali kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll fil-każ ta' importazzjonijiet.

Or. en

Emenda 257
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 44c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44c) Il-perjodu ta' żamma tad-data personali fir-reġistru tal-istabbilimenti u l-lista tal-istabbilimenti tat-tnissil approvati jenħtieġ li jkun ta' 10 snin mid-data tal-waqfien tal-attività tal-istabbiliment, peress li l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ li jkollhom aċċess għall-istorja tal-attivitajiet ta' operatur fir-rigward tat-tnissil, iż-żamma u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' klieb jew qtates u jkunu konxji minn nuqqas ta' konformità fil-passat mar-regoli dwar il-

benesseri tal-annimali meta jirċievu notifika ġdida ta' attività jew talba għall-approvazzjoni.

Or. en

Emenda 258
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 44d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44d) Il-perjodu ta' żamma tad-data personali tas-sidien attwali u tal-passat għall-klieb jew għall-qtates fil-bażijiet tad-data nazzjonali jenħtieġ li jkun ta' 5 snin wara r-reġistrazzjoni tal-mewt tal-kelb jew tal-qattus f'dawk il-bażijiet tad-data jew 25 sena mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-kelb jew tal-qattus f'dawk il-bażijiet tad-data, sabiex tiġi koperta l-istennija tal-għomor tal-klieb u tal-qtates, biex jinżammu sistemi ta' traċċabbiltà robusti għall-klieb u għall-qtates kollha li jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni, u biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli uffiċjali dwar il-problemi tal-benesseri, bħar-rati anormali tal-imwiet, li jirrikjedu analiżi tad-data, inkluż wara l-mewt tal-kelb jew tal-qattus.

Or. en

Emenda 259
Annalisa Corrado, Dario Nardella

Proposta għal regolament
Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46a) Miljuni ta' annimali, inklużi l-klieb u l-qtates, jiġu kkummerċjalizzati u miżmuma bħala annimali tad-dar fl-

Unjoni. Kull annimal jiġi minn speċi differenti, bi ħtiġijiet bijoloġiċi u ta' mġiba uniċi proprja.

Or. en

Emenda 260
Annalisa Corrado, Dario Nardella

Proposta għal regolament
Premessa 46b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46b) In-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-benesseri rigward it-tnissil, iż-żamma u t-tqegħid fis-suq tal-annimali tad-dar u r-regoli nazzjonali diverġenti kultant wasslu għal konsegwenzi serji għall-benesseri ta' annimali li ma jitqisux bħala annimali tad-dar, kif ukoll riskji għall-bijodiversità, għas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, u għall-konservazzjoni tan-natura.

Or. en

Emenda 261
Annalisa Corrado, Dario Nardella

Proposta għal regolament
Premessa 46c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46c) L-istabbiliment ta' lista fl-Unjoni kollha bbażata fuq ix-xjenza ta' annimali, xierqa biex jinżammu bħala annimali tad-dar, f'kundizzjonijiet xierqa ta' benesseri, jiżgura approċċ effettiv għaż-żamma u l-kummerċjalizzazzjoni tal-annimali fl-Unjoni u jipprevjeni t-theddida għall-bijodiversità Ewropea jew is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem.

Or. en

Emenda 262
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Skont ir-Regolament (UE) 2016/429, lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-fini tad-dħul fl-Unjoni ta' klieb u qtates hija stabbilita għall-fini tal-ġestjoni tar-riskju tal-introduzzjoni ta' mard trażmissibbli tal-annimali fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-lista ta' pajjiżi terzi msemmija fil-premessa preċedenti tkun limitata għal pajjiżi terzi awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2016/429 u li jipprovdu garanziji xierqa tal-kapaċità tal-awtorità kompetenti tagħhom li jikkontrollaw u jiżguraw il-konformità tal-istabbilimenti tat-tnissil u li jżommu l-klieb u l-qtates għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni bir-rekwiżiti dwar il-benesseri tal-annimali stabbiliti f'dan ir-Regolament.	(47) Skont ir-Regolament (UE) 2016/429, lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-fini tad-dħul fl-Unjoni ta' klieb u qtates hija stabbilita għall-fini tal-ġestjoni tar-riskju tal-introduzzjoni ta' mard trażmissibbli tal-annimali fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-lista ta' pajjiżi terzi msemmija fil-premessa preċedenti tkun limitata għal pajjiżi terzi awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2016/429 u li jipprovdu garanziji xierqa tal-kapaċità tal-awtorità kompetenti tagħhom li jikkontrollaw u jiżguraw il-konformità tal-istabbilimenti tat-tnissil u li jżommu l-klieb u l-qtates għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni bir-rekwiżiti dwar il-benesseri tal-annimali stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Il-konformità mar-regoli rilevanti ta' dan ir-Regolament jew mar-regoli rikonoxxuti mill-Unjoni bħala regoli ekwivalenti jenħtieġ li tiġi ċċertifikata fiċ-ċertifikat tas-saħħa rilevanti użat għal tali esportazzjonijiet. Għal dak l-iskop, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel ħilitha biex temenda l-mudell rilevanti taċ-ċertifikat uffiċjali, sabiex tinkludi l-attestazzjoni relatata tal-benesseri tal-annimali.***

Or. en

Emenda 263
Michal Wiezik

Proposta għal regolament

Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a) Sabiex tiġi traċċata b'mod effettiv l-oriġini tal-kelb jew tal-qattus fil-pajjiż terz u biex jiġu indirizzati l-importazzjonijiet illegali fl-Unjoni u l-prattiki frodulenti bl-iskuża ta' movimenti mhux kummerċjali kif definiti bir-regoli tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali, huwa importanti li l-klieb u l-qtates jiġu importati minn pajjiżi terzi f'konformità ma' dan ir-Regolament fir-rigward tar-reġistrazzjoni tagħhom f'bażi tad-data tal-Istati Membri mal-wasla fil-fruntiera tal-UE.

Or. en

Emenda 264
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a) Sabiex tiġi traċċata b'mod effettiv l-oriġini tal-kelb jew tal-qattus fil-pajjiż terz u biex jiġu indirizzati l-importazzjonijiet illegali fl-Unjoni u l-prattiki frodulenti bl-iskuża ta' movimenti mhux kummerċjali kif definiti bir-regoli tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali, huwa importanti li l-klieb u l-qtates jiġu importati minn pajjiżi terzi f'konformità ma' dan ir-Regolament fir-rigward tar-reġistrazzjoni tagħhom f'bażi tad-data tal-Istati Membri mal-wasla fil-fruntiera tal-UE.

Or. en

Emenda 265

Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi, u l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tagħhom, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-emendar tal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament sabiex l-istrateġiji tat-tnissil ma jirriżultawx f'ġenotipi li ***għandhom*** effetti detrimentali fuq is-saħħa jew il-benesseri tal-klieb u l-qtates.	(48) Sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi, u l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tagħhom, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-fini tal-emendar tal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament sabiex l-istrateġiji tat-tnissil ma jirriżultawx f'ġenotipi***, fenotipi jew karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi*** li ***jkollhom*** effetti detrimentali fuq is-saħħa jew il-benesseri tal-klieb u l-qtates.

Or. en

Emenda 266
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 50a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(50a) Kien hemm sejħiet preċedenti biex tiġi stabbilita lista pożittiva ta' annimali li jkunu ġew ivvalutati bħala xierqa biex jinżammu bħala annimali tad-dar, filwaqt li jkun żgurat li jiġu permessi biss l-ispeċijiet li jissodisfaw kriterji speċifiċi – bħal adegwatezza għaż-żamma fil-magħluq f'kundizzjonijiet xierqa ta' benesseri, riskju minimu għall-popolazzjonijiet selvaġġi u l-bijodiversità Ewropea, u ebda theddida għas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem. Dan l-approċċ għandu l-għan li jippromwovi s-sjieda responsabbli tal-annimali tad-dar filwaqt li jipprevjeni t-tfixkil ekoloġiku, ir-riskji ta' mard żoonotiku, u t-tħassib dwar il-

benesseri assoċjat maż-żamma ta' speċijiet mhux xierqa.

Or. en

Emenda 267
Valérie Deloge, Vilis Krištopans, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Hemm attitudnijiet differenti taċ-ċittadini fir-rigward tal-benesseri tal-klieb u tal-qtates u xi Stati Membri diġà adottaw sett komprensiv ta' regoli f'dan ir-rigward. Għalhekk jeħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ikollhom regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-annimali minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jkompli jkollhom ukoll il-possibbiltà li jadottaw regoli nazzjonali aktar stretti f'ċerti oqsma dment li dawk ir-regoli ma jaffettwawx il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.	(53) Hemm attitudnijiet differenti taċ-ċittadini fir-rigward tal-benesseri tal-klieb u tal-qtates u xi Stati Membri diġà adottaw sett komprensiv ta' regoli f'dan ir-rigward. Għalhekk jeħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ikollhom regoli nazzjonali aktar stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-annimali minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jkompli jkollhom ukoll il-possibbiltà li jadottaw regoli nazzjonali aktar stretti f'ċerti oqsma dment li dawk ir-regoli ma jaffettwawx il-funzjonament tajjeb tas-suq intern ***u ma jwasslux għal kompetizzjoni kummerċjali inġusta***.

Or. fr

Emenda 268
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Hemm attitudnijiet differenti taċ-ċittadini fir-rigward tal-benesseri tal-klieb u tal-qtates u xi Stati Membri diġà adottaw sett komprensiv ta' regoli f'dan ir-rigward. Għalhekk jeħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ikollhom regoli nazzjonali aktar	(53) Hemm attitudnijiet differenti taċ-ċittadini fir-rigward tal-benesseri tal-klieb u tal-qtates u xi Stati Membri diġà adottaw sett komprensiv ta' regoli f'dan ir-rigward. Għalhekk jeħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ikollhom regoli nazzjonali aktar

stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-annimali minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jkompli jkollhom ukoll il-possibbiltà li jadottaw regoli nazzjonali aktar stretti ***f'ċerti oqsma dment li dawk ir-regoli ma jaffettwawx il-funzjonament tajjeb tas-suq intern***.	stretti mmirati lejn protezzjoni aktar estensiva tal-annimali minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jkompli jkollhom ukoll il-possibbiltà li jadottaw regoli nazzjonali aktar stretti.

Or. en

Emenda 269
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 53a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(53a) Huwa stmat li hemm aktar minn 100 miljun kelb u qattus li jgħixu fit-triq jiġġerrew fl-Ewropa, u dan jikkawża problemi kbar ta' benesseri tal-annimali minħabba l-malnutrizzjoni, il-mard mhux ittrattat u l-abbuż. Il-prattika inumana tal-qtil tal-annimali li jgħixu fit-triq ma tirriżultax f'soluzzjoni sostenibbli, iżda minflok tirriżulta f'ċiklu ta' qtil ripetut. Barra minn hekk, il-qtil ma jindirizzax il-kawża ewlenija tar-rabja. Huma disponibbli soluzzjonijiet umani; il-programmi ta' sterilizzazzjoni, inklużi t-tiswija u l-kastrazzjoni, jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu r-rati ta' riproduzzjoni tal-klieb u tal-qtates li jgħixu fit-triq, jikkontribwixxu għall-kontroll tal-popolazzjoni fit-tul u t-tilqim ta' annimali li jgħixu fit-triq jista' jipprevjeni t-tixrid ta' mard infettiv u potenzjalment perikoluż. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jinvestu fi programmi ta' Qbid-Kastrazzjoni-Tilqim-Rilaxx/Tqegħid fi Djar għall-qtates u programmi ta' Qbid-Kastrazzjoni-Tilqim-Tqegħid fi Djar/Rilaxx għall-klieb. Dan jenħtieġ li jiġi kkombinat mal-forniment ta' santwarju u programmi ta' taħriġ

favur sjieda responsabbli.

Or. en

Emenda 270
Salvatore De Meo, Manuela Ripa

Proposta għal regolament
Premessa 53a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(53a) Bl-istess mod, il-Kummissjoni jenħtieġ li tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri ta' inċentiv (bħal bonusijiet ta' darba biex jappoġġaw l-ispejjeż veterinarji, jew tnaqqis tat-taxxa) favur dawk li jadottaw klieb jew qtates abbandunati, li jiġru fit-toroq jew salvati.

Or. en

Emenda 271
Salvatore De Meo, Manuela Ripa

Proposta għal regolament
Premessa 53b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(53b) L-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali responsabbli jistgħu jinkoraġġixxu s-suġġett tal-benesseri tal-annimali u l-kura responsabbli tal-annimali fl-iskejjel tal-edukazzjoni ġenerali, filwaqt li jużaw ukoll il-kontributi rilevanti mill-organizzazzjonijiet tal-benesseri tal-annimali, jekk dan ikun xieraq.

Or. en

Emenda 272

Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 55a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(55a) Fir-riżoluzzjoni tiegħu 2022/2809 (RSP), il-Parlament Ewropew talab lista ta' annimali eżotiċi adattati biex jinżammu bħala annimali tad-dar abbażi ta' sett ta' kriterji stabbiliti xjentifikament li jenħtieġ li jqisu debitament l-ambjent, il-benesseri tal-annimali rispettivi, is-sikurezza tas-sid u t-tnaqqis tar-riskji żoonotiċi.

Or. en

Emenda 273
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-penali jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	(56) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-penali jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Il-persuni magħrufa li jabbużaw mill-annimali u dawk involuti fil-kummerċ illegali tal-annimali jenħtieġ li jiġu pprojbiti għal ħajjithom milli jżommu l-annimali jew jaħdmu mal-annimali u jenħtieġ li ma jitħallewx ikomplu l-attivitajiet tagħhom fi Stat Membru ieħor.***

Or. en

Emenda 274

Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 56a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56a) Fid-dawl tal-piż amministrattiv li jesperjenzaw is-santwarji tal-annimali u l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tal-qtates jew tal-klieb li jiġru fit-toroq, flimkien mar-restrizzjonijiet ekonomiċi ta' dawn l-entitajiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jesploraw il-possibbiltà li jissimplifikaw ir-riżorsi rkuprati mill-ksur ta' dan ir-Regolament biex jappoġġaw u jkopru l-kostijiet amministrattivi u operazzjonali tas-santwarji u tal-organizzazzjonijiet responsabbli għall-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tal-qtates jew tal-klieb li jiġru fit-toroq.

Or. en

Emenda 275
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Premessa 56a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56a) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli f'każijiet ta' abbandun ta' annimali tad-dar u abbandun tal-ġriewi u tal-frieħ tal-qtates tagħhom mis-sidien tagħhom. Dawk il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Or. es

Emenda 276
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti minimi:	***F'każijiet meta kwalunkwe waħda mill-miżuri deskritti tikkomprometti l-benesseri tal-kelb jew tal-qattus individwali, tali miżura għandha ssir inapplikabbli.*** Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti minimi:

Or. en

Emenda 277
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***rekwiżiti minimi***:	Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

Or. en

Emenda 278
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***għall-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni;	(a) ***il-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni; ***filwaqt li jiżgura li l-attivitajiet ekonomiċi leġittimi u tradizzjonali relatati ma' dawn l-annimali jkunu protetti;***

Or. es

Emenda 279
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni;	(a) ***rekwiżiti minimi*** għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti jew ***ittrattati jew*** imqiegħda fis-suq tal-Unjoni ***jew fornuti fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 280
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***għall-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni;	(a) ***il-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti***,*** ***jew ittrattati*** jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni ***jew fornuti fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 281
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***għall-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni;	(a) ***il-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti ***għall-profitt*** jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-kriterju "għall-profitt" jippermetti li ssir distinzjoni, essenzjalment, bejn dawk l-attivitajiet li mhumiex maħsuba għall-kummerċ jew għal tranżazzjoni, u għalhekk ma jiġġenerawx kunflitt fil-kummerċ jew fil-benesseri tal-annimali f'dan l-istadju, iżda li min-natura tagħhom jirrikjedu ċerta produzzjoni ta' annimali li taqbeż il-limiti domestiċi.

Emenda 282
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***għall-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates ***imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni***;	(a) ***il-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates ***fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 283
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***għall-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni;	(a) ***il-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti***,*** ***ittrattati*** jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 284
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***għall-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti ***jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni***;	(a) ***il-benesseri*** tal-klieb u tal-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbilimenti;

Or. en

Emenda 285
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew fornuti fl-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 286
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***għat-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew fornuti fl-Unjoni.	(b) ***it-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew fornuti fl-Unjoni***, filwaqt li tiġi evitata regolamentazzjoni żejda li tista' tkun ta' detriment għan-nissiela responsabbli u għas-sidien privati***.

Or. es

Emenda 287
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew fornuti fl-Unjoni.	(b) ***rekwiżiti minimi*** għat-traċċabbiltà tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew fornuti fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 288
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***għat-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew fornuti fl-Unjoni.	(b) ***it-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates ***fl-Unjoni jew*** imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew fornuti fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 289
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***għat-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates ***imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew fornuti*** fl-Unjoni.	(b) ***it-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda, flimkien mad-dispożizzjonijiet emendati relatati skont l-Artikolu 17, tkabbar il-kamp ta' applikazzjoni għat-traċċabbiltà tal-qtates u tal-klieb kollha fl-Unjoni, bl-għan li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw prattiki frodulenti u abbużivi, li jippermettu lis-sidien jittraċċaw lura faċilment l-annimali tad-dar mitlufa u jnaqqsu l-piż fuq

is-santwarji, inkluż billi jiddistingwu l-annimali li jiġru fit-toroq mingħajr sidien minn annimali tad-dar mitlufa.

Emenda 290
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***għat-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates ***imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew fornuti*** fl-Unjoni.	(b) ***it-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 291
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***għat-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates imqiegħda fis-suq tal-Unjoni ***jew fornuti fl-Unjoni.***	(b) ***it-traċċabbiltà*** tal-klieb u tal-qtates ***imnissla jew miżmuma fl-Unjoni jew*** imqiegħda fis-suq tal-Unjoni

Or. en

Emenda 292
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma u għat-tqegħid fis-suq tal-klieb u l-qtates, kif ukoll għall-	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma u għat-tqegħid fis-suq tal-klieb u l-qtates, kif ukoll għall-forniment tagħhom fl-Unjoni ***għall-profitt,***

forniment tagħhom fl-Unjoni.	***mingħajr preġudizzju għall-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipproteġi l-attivitajiet tradizzjonali u ekonomiċi leġittimi***.

Or. es

Emenda 293
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma ***u*** għat-tqegħid fis-suq tal-klieb u l-qtates, kif ukoll għall-forniment tagħhom fl-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma**,** għat-tqegħid fis-suq ***u għad-dħul fl-Unjoni*** tal-klieb u l-qtates, kif ukoll għall-forniment tagħhom fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 294
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma u għat-tqegħid fis-suq tal-klieb u l-qtates, kif ukoll għall-forniment tagħhom fl-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma u għat-tqegħid fis-suq tal-klieb u l-qtates, kif ukoll għall-forniment tagħhom fl-Unjoni ***għall-profitt***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

El legislador excluye del ámbito de aplicación los perros y gatos destinados a fines científicos, argumentando que ya existe legislación de carácter comunitario que podría entrar en contradicción con la propuesta, en este caso, la Directiva 2010/63/UE del Parlamento Europeo y del Consejo, de 22 de septiembre de 2010, relativa a la protección de los animales utilizados para fines científicos (DO L 276 de 20.10.2010, p. 33). En este mismo sentido, cabe considerar de igual modo las disposiciones del artículo 13, Título II del Tratado

de Lisboa, que establece directrices sobre las actividades deportivas que son tradición cultural y patrimonio regional de las naciones europeas, y que se hace extensiva a todos los elementos implicados en dicha tradición cultural, como es el caso de los perros empleados en la caza. Por tanto, no debe ser de aplicación a los animales destinados a actividades deportivas, tradicionales o culturales que no tengan una finalidad lucrativa, y cuya cría responda de manera esencial al mantenimiento de dicha cultura o tradición.

Emenda 295
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma ***u għat-tqegħid fis-suq*** tal-klieb u l-qtates, kif ukoll ***għall-forniment*** tagħhom fl-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma tal-klieb u l-qtates ***kollha***, kif ukoll ***għad-dħul*** tagħhom fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 296
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma ***u*** għat-tqegħid fis-suq tal-klieb u l-qtates***, kif ukoll għall-forniment tagħhom fl-Unjoni***.	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma***,*** għat-tqegħid fis-suq***, u għad-dħul fl-Unjoni*** tal-klieb u l-qtates.

Or. en

Emenda 297
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma u għat-tqegħid fis-suq tal-klieb u l-qtates***, kif ukoll għall-forniment tagħhom fl-Unjoni***.	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tnissil, għaż-żamma u għat-tqegħid fis-suq ***u għad-dħul fl-Unjoni***tal-klieb u l-qtates.

Or. en

Emenda 298
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 299
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi.	2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi ***jew għal attivitajiet tal-isports, tal-kaċċa, tas-sigurtà jew tax-xogħol li huma tradizzjoni kulturali u wirt reġjonali tal-Istati Membri***.

Or. es

Emenda 300
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi.	2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma ***jew***, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba ***jew użati***għal skopijiet xjentifiċi ***jew għal provi kliniċi meħtieġa għall-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji***.

Or. en

Emenda 301
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi.	2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi***, jew għal attivitajiet tal-isports li huma tradizzjoni kulturali u wirt reġjonali tan-nazzjonijiet Ewropej***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Cabe considerar de igual modo las disposiciones del artículo 13, Título II del Tratado de Lisboa, que establece directrices sobre las actividades deportivas que son tradición cultural y patrimonio regional de las naciones europeas, y que se hace extensiva a todos los elementos implicados en dicha tradición cultural, como es el caso de los perros empleados en la caza. Por tanto, no debe ser de aplicación a los animales destinados a actividades deportivas, tradicionales o culturales que no tengan una finalidad lucrativa, y cuya cría responda de manera esencial al mantenimiento de dicha cultura o tradición.

Emenda 302
Katarína Roth Neveďalová, Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi.	2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates maħsuba għal skopijiet xjentifiċi***, ta' biedja u dawk professjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-qtates u l-klieb maħsuba għall-attivitajiet tal-biedja u dawk professjonali għandhom jiġu eżentati minn piżijiet regolatorji bla bżonn filwaqt li jiġi żgurat li dawn l-iskopijiet speċifiċi jiġu ssalvagwardjati u rregolati minn regolamenti speċifiċi mfassla għar-rwoli tagħhom.

Emenda 303
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal persuni fiżiċi li minn żmien għal żmien jistgħu jfornu ġriewi jew frieħ tal-qtates tal-annimali tad-dar tagħhom fejn dan ma jinvolvix attività kummerċjali, bl-eċċezzjoni tal-prinċipji ġenerali skont l-Artikolu 5 u l-obbligi ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 17(2);

Or. es

Emenda 304
Alexander Bernhuber, Daniel Buda, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tnissil, għaż-żamma, għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment ta' klieb jew qtates, li jsiru fil-farms jew fl-azjendi agrikoli.

Or. en

Emenda 305
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. "benesseri tal-klieb u tal-qtates" tfisser l-istat fiżiku u mentali ta' kelb jew ta' qattus fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom ikun twieled, jgħix u jmut;	3. "benesseri tal-klieb u tal-qtates" tfisser l-istat fiżiku u mentali ***pożittiv*** ta' kelb jew ta' qattus fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom ikun twieled, jgħix u jmut;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija konsistenti mal-Ħames Libertajiet u l-Ħames Dominji li jirfdu l-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali b'mod ġenerali. Bl-adozzjoni ta' din il-perspettiva, id-definizzjoni tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi jaġixxu f'konformità mal-istandards minbarra li jaġixxu b'sens ta' responsabbiltà etika, filwaqt li jiżguraw li t-trattament xieraq tal-annimali jkun garantit permezz ta' prattiki li jirrispettaw in-natura u l-individwalità tagħhom.

Emenda 306
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	3a. "tnissil" tfisser l-attività taż-żamma ta' klieb jew qtates fi stabbilimenti tat-tnissil għall-fini ta' riproduzzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir distinzjoni ċara bejn nissiela u s-sidien tal-annimali tad-dar biex tiġi koperta r-riproduzzjoni aċċidentali.

Emenda 307
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. "tnissil" tfisser il-propagazzjoni ta' annimali domestikati kemm jekk bl-intenzjoni kif ukoll jekk le;

Or. en

Emenda 308
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha annimal jinżamm jew jiġi ttrattat fi stabbiliment;	4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha annimal ***jinżamm, jingħata abitazzjoni,*** jinżamm, jew jiġi ttrattat fi stabbiliment***, jew taħt ir-responsabbiltà ta' operatur ta' stabbiliment***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli previsti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw barra mill-istabbiliment innifsu

f'ċerti każijiet. Pereżempju, il-ġbir ta' annimali li jgħixu fit-triq, l-ewwel nett, iseħħ barra mill-istabbiliment fiżiku tal-operatur, madankollu għandhom jiġu osservati regoli dwar prattiki tajba ta' mmaniġġjar u regoli kontra prattiki li jikkawżaw uġigħ.

Emenda 309
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha annimal jinżamm jew jiġi ttrattat fi stabbiliment;	4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha annimal ***jinżamm, jingħata abitazzjoni,*** jinżamm, jew jiġi ttrattat fi stabbiliment ***jew taħt ir-responsabbiltà ta' operatur***;

Or. en

Emenda 310
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha annimal jinżamm jew jiġi ttrattat ***fi stabbiliment***;	4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha annimal jinżamm***,*** jiġi ttrattat ***jew miżmum, jew jingħata abitazzjoni jew jiġi indukrat jew taħt ir-responsabbiltà ta' operatur***;

Or. en

Emenda 311
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha annimal jinżamm jew jiġi ttrattat fi stabbiliment;	4. "żamma" tfisser kwalunkwe attività li matulha annimal jinżamm jew jiġi ttrattat ***jew miżmum*** fi stabbiliment ***jew minn persuna ġuridika jew fiżika***;

Or. en

Emenda 312
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "tqegħid fis-suq" tfisser iż-żamma ta' klieb u qtates għall-fini ta' bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni ***jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà għall-annimal, li huwa bi ħlas jew mill-inqas rimborż tal-kostijiet imġarrba, inkluż ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq***;	5. "tqegħid fis-suq" tfisser iż-żamma ta' klieb u qtates għall-iskop ta' bejgħ, offerta għall-bejgħ, ***jew*** distribuzzjoni;

Or. en

Emenda 313
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "tqegħid fis-suq" tfisser ***iż-żamma ta' klieb u qtates għall-fini ta'*** bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà għall-annimal, ***li huwa bi ħlas jew mill-inqas rimborż tal-kostijiet imġarrba***, inkluż ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq;	5. "tqegħid fis-suq" tfisser il-bejgħ, l-offerta għall-bejgħ, id-distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà għall-annimal, ***kemm jekk bi ħlas jew mingħajr, bl-esklużjoni ta' fornimenti okkażjonali u mhux frekwenti minn persuni fiżiċi ta' numru żgħir ta' klieb jew qtates b'mezzi oħra għajr dawk permezz ta'***

	intermedjazzjoni ta' pjattaforma online, inkluż ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ***kollha*** ta' hawn fuq;

Or. en

Emenda 314
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "tqegħid fis-suq" tfisser ***iż-żamma ta' klieb u qtates għall-fini ta'*** bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà għall-annimal, ***li huwa bi ħlas jew mill-inqas rimborż tal-kostijiet imġarrba, inkluż*** ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq;	5. "tqegħid fis-suq" tfisser bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà għall-annimal, ***kemm jekk bi ħlas jew mingħajr kif ukoll*** ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq;

Or. en

Emenda 315
Peter Agius

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "tqegħid fis-suq" tfisser iż-żamma ta' klieb u qtates għall-fini ta' bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà għall-annimal, li huwa ***bi ħlas jew mill-inqas rimborż tal-kostijiet imġarrba***, inkluż ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq;	5. "tqegħid fis-suq" tfisser iż-żamma ta' klieb u qtates għall-fini ta' bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà għall-annimal, li huwa ***għal finijiet ta' profitt***, inkluż ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq;

Or. en

Emenda 316
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "tqegħid fis-suq" tfisser ***iż-żamma ta' klieb u qtates għall-fini ta'*** bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà għall-annimal, ***li huwa*** bi ħlas ***jew*** mill-inqas rimborż tal-kostijiet imġarrba, inkluż ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq;	5. "tqegħid fis-suq" tfisser bejgħ, offerta għall-bejgħ, distribuzzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment ta' sjieda jew responsabbiltà għall-annimal, ***kemm jekk*** bi ħlas***,*** mill-inqas rimborż tal-kostijiet imġarrba ***jew mingħajr ħlas***, inkluż ir-reklamar tal-annimali għall-finijiet ta' hawn fuq;

Or. en

Emenda 317
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. "reklamar" tfisser kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni li għandha l-effett dirett jew indirett li tippromwovi kelb jew qattus sabiex tattira interess, involviment jew bejgħ, inkluża l-promozzjoni ta' razza jew ta' karatteristika fiżika;

Or. en

Emenda 318
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. "reklamar" tfisser kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni li għandha l-effett dirett jew indirett li tippromwovi kelb jew qattus sabiex tattira interess, involviment jew bejgħ, inkluża l-promozzjoni ta' razza jew ta' karatteristika fiżika;

Or. en

Emenda 319
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. "forniment" tfisser it-trasferiment tas-sjieda jew tar-responsabbiltà għall-klieb jew għall-qtates permezz ta' kwalunkwe mezz jew forma, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le, eskluż l-provvisti okkażjonali minn persuni fiżiċi ta' klieb jew qtates b'mezzi oħrajn għajr permezz tal-intermedjazzjoni ta' pjattaforma online;	***imħassar***

Or. en

Emenda 320
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. "forniment" tfisser it-trasferiment tas-sjieda jew tar-responsabbiltà għall-klieb jew għall-qtates permezz ta' kwalunkwe mezz jew forma, kemm jekk bi	***imħassar***

ħlas kif ukoll jekk le, eskluż l-provvisti okkażjonali minn persuni fiżiċi ta' klieb jew qtates b'mezzi oħrajn għajr permezz tal-intermedjazzjoni ta' pjattaforma online;

Or. en

Emenda 321
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. "forniment" tfisser it-trasferiment tas-sjieda jew tar-responsabbiltà għall-klieb jew għall-qtates permezz ta' kwalunkwe mezz jew forma, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le, eskluż l-provvisti okkażjonali minn persuni fiżiċi ta' klieb jew qtates b'mezzi oħrajn għajr permezz tal-intermedjazzjoni ta' pjattaforma online;	***imħassar***

Or. en

Emenda 322
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. "forniment" tfisser it-trasferiment tas-sjieda jew tar-responsabbiltà għall-klieb jew għall-qtates permezz ta' kwalunkwe mezz jew forma, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le, eskluż l-provvisti okkażjonali minn persuni fiżiċi ta' klieb jew qtates b'mezzi oħrajn għajr permezz tal-intermedjazzjoni ta' pjattaforma online;	***imħassar***

Or. en

Emenda 323
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. "pjattaformi online" tfisser pjattaforma online, kif iddefinita fl-Artikolu 3, il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2022/2065***, li tagħmilha ta' intermedjarju għat-tqegħid fis-suq jew għall-forniment tal-klieb u l-qtates;***	7. "pjattaformi online" tfisser pjattaforma online, kif iddefinita fl-Artikolu 3, il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2022/2065**.**

Or. en

Emenda 324
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. "pjattaformi online" tfisser pjattaforma online, kif iddefinita fl-Artikolu 3, il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2022/2065, li tagħmilha ta' intermedjarju għat-tqegħid fis-suq ***jew għall-forniment*** tal-klieb ***u l-qtates***;	7. "pjattaformi online" tfisser pjattaforma online, kif iddefinita fl-Artikolu 3, il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2022/2065, li tagħmilha ta' intermedjarju għat-tqegħid fis-suq tal-klieb ***jew tal-qtates***;

Or. en

Emenda 325
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

8. "elenkar" tfisser il-pubblikazzjoni, fuq pjattaforma online, ta' reklam għall-forniment ta' kelb jew qattus;	***imħassar***

Or. en

Emenda 326
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. "elenkar" tfisser il-pubblikazzjoni, fuq pjattaforma online, ta' ***reklam għall-forniment*** ta' kelb jew qattus;	8. "elenkar" tfisser il-pubblikazzjoni, fuq pjattaforma online, ta' ***informazzjoni*** ta' kelb jew qattus ***li jista' jinxtara***;

Or. en

Emenda 327
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. "Reklam" tfisser reklam, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (r) tar-Regolament (UE) 2022/2065;

Or. en

Emenda 328
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. "stabbilimenti" tfisser stabbilimenti	11. "stabbilimenti" tfisser stabbilimenti

tat-tnissil, santwarji tal-annimali ***u ħwienet tal-annimali tad-dar***;	tat-tnissil, ***stabbilimenti ta' riċerka, stabbilimenti ta' bejgħ inkluż il-ħwienet tal-annimali tad-dar,*** santwarji tal-annimali ***u foster homes***;

Or. en

Emenda 329
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. "stabbilimenti" tfisser stabbilimenti tat-tnissil, santwarji tal-annimali ***u ħwienet tal-annimali tad-dar***;	11. "stabbilimenti" tfisser stabbilimenti tat-tnissil, ***stabbilimenti tal-bejgħ,*** santwarji tal-annimali ***u foster homes***;

Or. en

Emenda 330
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. "stabbilimenti" tfisser stabbilimenti tat-tnissil, santwarji tal-annimali u ***ħwienet tal-annimali tad-dar***;	11. "stabbilimenti" tfisser stabbilimenti tat-tnissil, ***stabbilimenti tal-bejgħ,*** santwarji tal-annimali u ***foster homes***;

Or. en

Emenda 331
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. "stabbilimenti" tfisser stabbilimenti tat-tnissil, santwarji tal-annimali u ħwienet tal-annimali tad-dar;	11. "stabbilimenti" tfisser stabbilimenti tat-tnissil, santwarji tal-annimali***, foster homes*** u ħwienet tal-annimali tad-dar;

Or. en

Emenda 332
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11a. "stabbilimenti tal-bejgħ" tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għall-bejgħ mingħajr ma jkunu twieldu hemm, inkluż kwalunkwe bini jew struttura ta' operazzjoni ta' ġbir f'daqqa fejn il-klieb u l-qtates jinġabru minn aktar minn stabbiliment wieħed

Or. en

Emenda 333
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal finijiet ta' riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;	12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal finijiet ta' riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi; ***Dan għandu jinkludi: Nissiela privati (b'mhux aktar minn żewġ nisa tat-tnissil u li jipproduċu massimu ta' żewġ btan fis-sena); Nissiela fuq skala żgħira (sa ħames nisa tat-tnissil u li jipproduċu***

massimu ta' erba' btan fis-sena); Nissiela professjonali (ogħla mil-limitu fuq skala żgħira).

Or. en

Emenda 334
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura**,** fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal finijiet ta' riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;	12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura ***maħsub għall-profitt*** fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal finijiet ta' riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-kriterju "għall-profitt" jippermetti li ssir distinzjoni, essenzjalment, bejn dawk l-attivitajiet li mhumiex maħsuba għall-kummerċ jew għal tranżazzjoni, u għalhekk ma jiġġenerawx kunflitt fil-kummerċ jew fil-benesseri tal-annimali f'dan l-istadju, iżda li min-natura tagħhom jirrikjedu ċerta produzzjoni ta' annimali li taqbeż il-limiti domestiċi.

Emenda 335
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb u l-qtates jinżammu ***għal finijiet ta'*** riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;	12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb u l-qtates jinżammu ***u fejn isseħħ ir-riproduzzjoni*** bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;

Or. en

Emenda 336
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb ***u*** l-qtates jinżammu ***għal finijiet ta' riproduzzjoni*** bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;	12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb ***jew il-qtates*** jinżammu ***u fejn ir-riproduzzjoni sseħħ*** bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;

Or. en

Emenda 337
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb ***u l-qtates*** jinżammu għal finijiet ta' riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;	12. "stabbilimenti tat-tnissil" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb ***u/jew il-qtates*** jinżammu għal finijiet ta' riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;

Or. en

Emenda 338
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

12. “stabbilimenti tat-tnissil” tfisser kwalunkwe bini jew struttura**,** fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal finijiet ta’ riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;	12. “stabbilimenti tat-tnissil” tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal finijiet ta’ riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq, inklużi unitajiet domestiċi;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Irid jitqies il-fatt li, skont l-Artikolu 4(27) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-unitajiet domestiċi li fihom jinżammu l-annimali tad-dar huma esklużi mid-definizzjoni ta’ stabbilimenti.

Emenda 339
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. “stabbilimenti tat-tnissil” tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal finijiet ta’ riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq***, inklużi unitajiet domestiċi***;	12. “stabbilimenti tat-tnissil” tfisser kwalunkwe bini jew struttura, fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għal finijiet ta’ riproduzzjoni bl-għan li l-wild tagħhom jitqiegħed fis-suq;

Or. en

Emenda 340
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. “***ħwienet tal-annimali tad-dar***” tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb ***u l-qtates*** jinżammu għall-bejgħ ***bħala annimali tad-dar,*** mingħajr ma jkunu twieldu hemmhekk;	13. “***stabbilimenti tal-bejgħ***” tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb ***jew il-qtates*** jinżammu għall-bejgħ mingħajr ma jkunu twieldu hemmhekk ***neċessarjament, inkluż f’unitajiet***

	domestiċi, kif ukoll kwalunkwe bini jew strutturi ta' operazzjoni ta' ġbir f'daqqa fejn klieb jew qtates jiġu miġbura minn aktar minn stabbiliment wieħed, għajr għal ħanut tal-annimali tad-dar;

Or. en

Emenda 341
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. "***ħwienet tal-annimali tad-dar***" tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb ***u l-qtates*** jinżammu għall-bejgħ bħala annimali tad-dar, ***mingħajr ma jkunu*** twieldu hemmhekk;	13. "***stabbilimenti tal-bejgħ"*** tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb ***jew il-qtates*** jinżammu għall-bejgħ bħala annimali tad-dar, ***inkluż in-nissiela, kif ukoll stabbilimenti fejn l-annimali ma jkunux*** twieldu hemmhekk; ***bħall-ħwienet tal-annimali tad-dar jew kwalunkwe bini jew struttura ta' operazzjoni ta' ġbir f'daqqa fejn il-klieb jew il-qtates jiġu miġbura minn aktar minn stabbiliment wieħed.***

Or. en

Emenda 342
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. "ħwienet tal-annimali tad-dar" tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb u l-qtates ***jinżammu għall-bejgħ bħala annimali tad-dar, mingħajr ma jkunu twieldu hemmhekk***;	13. "ħwienet tal-annimali tad-dar" tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb u l-qtates ***jintwerew, ħafna drabi f'kontenituri, lill-pubbliku għall-fini ta' bejgħ***; ***"ħanut tal-annimali tad-dar" ma jinkludix santwarju jew foster home***;

Or. en

Emenda 343
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. "ħwienet tal-annimali tad-dar" tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għall-bejgħ bħala annimali tad-dar, mingħajr ma jkunu twieldu hemmhekk;	13. "ħwienet tal-annimali tad-dar" tfisser kwalunkwe bini jew struttura ***tat-tip tal-bejgħ bl-imnut*** fejn il-klieb u l-qtates jinżammu għall-bejgħ bħala annimali tad-dar, mingħajr ma jkunu twieldu hemmhekk;

Or. en

Emenda 344
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13 a. "stabbilimenti tal-bejgħ" tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn il-klieb u/jew il-qtates jinżammu għall-bejgħ bħala annimali tad-dar, inkluż nissiela, kif ukoll stabbilimenti fejn l-annimali ma jkunux twieldu, inkluż kwalunkwe bini jew struttura ta' operazzjoni ta' ġbir f'daqqa fejn klieb jew qtates jiġu miġbura minn aktar minn stabbiliment wieħed, għajr għal ħanut tal-annimali tad-dar;

Or. en

Emenda 345
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13a. "stabbilimenti tal-bejgħ" tfisser kwalunkwe bini jew struttura fejn klieb jew qtates jinżammu għall-bejgħ mingħajr ma jkunu twieldu hemmhekk, għajr għal ħanut tal-annimali tad-dar.

Or. en

Emenda 346
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. "santwarji tal-annimali" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, ***minbarra*** l-unitajiet domestiċi, ***imħaddma minn persuna fiżika jew ġuridika,*** fejn jinżammu klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta' ***forniment, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ebda kost***;	14. "santwarji tal-annimali" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, ***inklużi*** l-unitajiet domestiċi, fejn jinżammu klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta' ***tqegħid fis-suq***;

Or. en

Emenda 347
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. "santwarji ***tal-annimali***" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, minbarra l-unitajiet domestiċi, imħaddma minn persuna fiżika jew ġuridika, fejn jinżammu	14. "santwarji tal-annimali" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, minbarra l-unitajiet domestiċi, imħaddma minn persuna fiżika jew ġuridika, fejn jinżammu

klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta' ***forniment, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ebda kost***;	klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta' ***tqegħid fis-suq***;

Or. en

Emenda 348
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. "santwarji tal-annimali" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, minbarra l-unitajiet domestiċi, imħaddma minn persuna fiżika jew ġuridika, fejn jinżammu klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta' ***forniment, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ebda kost***;	14. "santwarji tal-annimali" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, minbarra l-unitajiet domestiċi, imħaddma minn persuna fiżika jew ġuridika, fejn jinżammu klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta' ***tqegħid fis-suq***;

Or. en

Emenda 349
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. "santwarji tal-annimali" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, ***minbarra*** l-unitajiet domestiċi, imħaddma minn persuna fiżika jew ġuridika, fejn jinżammu klieb ***u*** qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta' ***forniment, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ebda***	14. "santwarji tal-annimali" tfisser kwalunkwe bini jew struttura, ***inklużi*** l-unitajiet domestiċi, imħaddma minn persuna fiżika jew ġuridika, fejn jinżammu klieb ***jew*** qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li qabel kienu jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati għall-fini ta' ***tqegħid fis-suq***;

kost;

Or. en

Emenda 350
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. "santwarju" tfisser faċilità fejn annimali li jingħiebu minn uffiċjali għall-kontroll tal-annimali jew minn aġenti kkuntrattati biex jaqbdu l-klieb u l-qtates jiġu nkarigati bħala parti mill-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kontroll tal-annimali;

Or. en

Emenda 351
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. "foster home" tfisser unità domestika li żżomm klieb jew qtates f'isem operatur responsabbli għal klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati;

Or. en

Emenda 352
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. "foster home" tfisser unità domestika li żżomm klieb jew qtates f'isem operatur responsabbli għal klieb jew qtates mhux mixtieqa, abbandunati, jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati;

Or. en

Emenda 353
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14b. "santwarju" tfisser faċilità fejn annimali li jingħiebu minn uffiċjali għall-kontroll tal-annimali jew minn aġenti kkuntrattati biex jaqbdu l-klieb u l-qtates jingħataw bħala parti mill-attivitajiet ta' ġestjoni ta' kontroll tal-annimali u jista' jinkludi santwarji;

Or. en

Emenda 354
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ***minbarra dawk*** responsabbli ***għas-santwarji, li tnissel, iżżomm, tikkummerċjalizza jew tqiegħed fis-suq klieb u qtates taħt il-kontroll tagħha, inkluż għal perjodu ta' żmien limitat***;	15. "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ***li tpoġġi klieb u qtates fis-suq u li tkun*** responsabbli ***għal stabbiliment tat-tnissil, stabbiliment tal-bejgħ, stabbiliment ta' riċerka jew santwarju u għall-klieb u l-qtates li jinsabu fihom, jew li tkun responsabbli għal klieb u qtates mhux mixtieqa,***

abbandunati, jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati u li tpoġġihom ġo foster homes;

Or. en

Emenda 355
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika***, minbarra dawk*** responsabbli ***għas-santwarji, li tnissel, iżżomm, tikkummerċjalizza jew tqiegħed fis-suq klieb u qtates taħt il-kontroll tagħha, inkluż għal perjodu ta' żmien limitat***;	15. "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ***li tpoġġi annimali fis-suq u li tkun*** responsabbli ***għal stabbiliment tat-tnissil, stabbiliment tal-bejgħ, jew għal santwarju u għall-klieb u l-qtates li jinżammu fihom, jew li tkun responsabbli għal klieb u qtates mhux mixtieqa, abbandunati, li jgħixu fit-triq, mitlufa jew ikkonfiskati u li tista' tpoġġihom f'foster homes***;

Or. en

Emenda 356
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, minbarra dawk responsabbli għas-santwarji, li tnissel, iżżomm, tikkummerċjalizza ***jew tqiegħed fis-suq klieb u qtates taħt il-kontroll tagħha***, inkluż għal perjodu ta' żmien limitat;	15. "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, minbarra dawk responsabbli għas-santwarji, li tnissel, iżżomm, tikkummerċjalizza, inkluż għal perjodu ta' żmien limitat;

Or. en

Emenda 357
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. "fornitur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li ***tforni*** kelb jew qattus***, inklużi persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji***;	16. "fornitur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li ***tpoġġi*** kelb jew qattus ***fuq is-suq***;

Or. en

Emenda 358
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	18a. "kondizzjonament tal-operant" tfisser metodu ta' taħriġ fejn l-imġiba hija influwenzata mill-konsegwenzi tagħha, abbażi ta' erba' kwadranti: rinfurzar pożittiv, kastig pożittiv, rinfurzar negattiv u kastig negattiv;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Definizzjoni ta' terminu użat f'Artikolu 18, biex jitnaqqas ir-riskju ta' esponiment għall-bnedmin għal xejriet ta' mġiba negattiva tal-klieb li tiġri waqt prattiċi ta' trattament mhux tajba jew warajhom. L-istabbiliment u l-applikazzjoni ta' protokolli ċari ta' taħriġ huma kruċjali għall-benesseri tal-klieb u biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-saħħa ta' min jittratta l-annimali u ta' min ikun qed josserva.

Emenda 359
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	18a. 18(a) "l-ewtanażja" tfisser l-att li jwassal għall-mewt bl-użu ta' metodu li jikkawża t-telf rapidu u irriversibbli tas-sensi bl-inqas uġigħ u distress lil annimal.

Or. en

Emenda 360
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	18a. "l-ewtanażja" tfisser l-att li biha ġġib il-mewt bl-użu ta' metodu li jikkawża t-telf tas-sensi b'mod rapidu u irriversibbli bl-inqas uġigħ u distress għall-annimal;

Or. en

Emenda 361
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;	19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku***, minbarra l-kastrazzjoni jew l-impjant ta' transponder***, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam ***ta' kelb jew ta' qattus***;

Or. en

Emenda 362
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;	19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku***, minbarra l-kastrazzjoni jew l-impjant ta' transponder***, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam ***ta' kelb jew ta' qattus***;

Or. en

Emenda 363
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew ***telf*** ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;	19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku***, minbarra l-kastrazzjoni jew l-impjant ta' transponder***, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta ***fil-modifikazzjoni,*** fi ħsara jew ***fit-tneħħija*** ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;

Or. en

Emenda 364
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. “mutilazzjoni” tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew ***telf*** ta’ parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;	19. “mutilazzjoni” tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku***, minbarra l-kastrazzjoni jew l-impjant ta’ transponder***, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta ***fil-modifikazzjoni,*** fi ħsara jew ***fit-tneħħija*** ta’ parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;

Or. en

Emenda 365
Tilly Metz
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. “mutilazzjoni” tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta’ parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;	19. “mutilazzjoni” tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi ***jew għall-fini ta’ kastrazzjoni jew ta’ impjant ta’ transponder***, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta’ parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;

Or. en

Emenda 366
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. “mutilazzjoni” tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew	19. “mutilazzjoni” tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku***, minbarra l-kastrazzjoni jew l-impjant ta’ transponder***,

dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;	imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;

Or. en

Emenda 367
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;	19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi**,** dijanjostiċi ***jew ta' kastrazzjoni***, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;

Or. ro

Emenda 368
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, inkluż intervent kirurġiku***, imwettaq għal raġunijiet għajr għal finijiet terapewtiċi jew dijanjostiċi***, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam;	19. "mutilazzjoni" tfisser intervent, ***minbarra l-kastrazzjoni jew l-impjant ta' transponder,*** inkluż intervent kirurġiku, li jirriżulta fi ħsara jew telf ta' parti sensittiva tal-ġisem jew fil-bidla tal-istruttura tal-għadam ***ta' kelb jew ta' qattus***;

Or. en

Emenda 369

Emma Wiesner, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	19a. "l-ewtanażja" hija l-prattika li tintemm il-ħajja ta' kelb jew ta' qattus, ġeneralment imwettqa minn veterinarju bl-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, wara l-valutazzjoni li t-tbatija severa jew fit-tul ta' annimal ma tistax titnaqqas jew tiġi evitata b'mod effettiv; F'ċerti każijiet l-ewtanażja tista' titwettaq minn sid biex jitnaqqas l-istress jew it-tbatija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'każijiet bħal nuqqasijiet ta' veterinarji f'żoni rurali jew fejn kelb tal-kaċċa jweġġa' serjament, is-sid għandu jitħalla jewtanizza l-qattus jew il-kelb biex jipprevjeni t-tbatija.

Emenda 370
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	19a. "l-ewtanażja" hija l-prattika li tintemm il-ħajja ta' kelb jew ta' qattus, imwettqa minn veterinarju bl-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, wara l-valutazzjoni minn veterinarju jew speċjalist tal-imġiba wara eżami li t-tbatija severa jew fit-tul ta' annimal ma tistax titnaqqas jew tiġi evitata b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 371
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	19a. Bħala deroga, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-qtugħ tal-widnejn ta' qattus b'talja jew il-qtugħ tat-truf tal-widnejn fit-territorju tiegħu, fil-kuntest li dawk il-qtates li jiġġerrew fit-triq jiġu mmarkati meta jiġu kkastrati fl-ambitu ta' programm biex jaqbdu, jikkastraw u jirritornaw il-qtates, liema programm jiġi ddeterminat fil-pjanijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru.

Or. en

Emenda 372
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
20. "tbatija" tfisser stat fiżiku jew mentali mhux pjaċevoli u mhux mixtieq, li huwa r-riżultat ***li*** annimal jiġi espost għal stimuli noċivi jew in-nuqqas ta' stimuli pożittivi importanti;	20. "tbatija" tfisser stat fiżiku jew mentali mhux pjaċevoli u mhux mixtieq, li huwa r-riżultat ***ta' prattiki li huma illegali skont il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kkawżati minn*** annimal **li** jiġi espost għal stimuli noċivi jew in-nuqqas ta' stimuli pożittivi importanti;

Or. es

Emenda 373
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

20. “tbatija” tfisser stat fiżiku jew mentali mhux pjaċevoli u mhux mixtieq, li huwa r-riżultat li annimal jiġi espost għal stimuli noċivi ***jew in-nuqqas ta’ stimuli pożittivi importanti***;	20. “tbatija” tfisser stat fiżiku jew mentali mhux pjaċevoli u mhux mixtieq, li huwa r-riżultat li annimal jiġi espost għal stimuli noċivi;

Or. en

Emenda 374
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	20a. “l-ewtanażja” hija l-prattika li tintemm il-ħajja ta’ kelb jew ta’ qattus mingħajr uġigħ minn veterinarju bl-anestesija u bl-analġeżija fit-tul, esklużivament bi prodotti mediċinali veterinarji, meta veterinarju jew, għal klieb adulti, speċjalist tal-imġiba jistabbilixxi permezz ta’ eżami fiżiku u tal-imġiba li t-tbatija fiżika jew psikoloġika severa jew fit-tul ta’ annimal ma tistax titnaqqas jew tiġi evitata b’mod ieħor u b’mod effettiv;

Or. en

Emenda 375
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
21. “abitazzjoni” tfisser bini jew spazju ta’ barra delimitat fi stabbilimenti fejn jinżammu l-klieb u l-qtates;	21. “abitazzjoni” tfisser bini jew spazju ta’ barra delimitat fi stabbilimenti fejn jinżammu l-klieb u l-qtates ***kemm jekk b’mod temporanju jew permanenti***;

Or. en

Emenda 376
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
21. "abitazzjoni" tfisser bini jew spazju ta' barra delimitat fi stabbilimenti fejn jinżammu l-klieb u l-qtates;	21. "abitazzjoni" tfisser ***siti li huma magħluqa, mgħammra b'kollox u mgħammra għall-akkomodazzjoni temporanja jew permanenti ta' klieb u qtates***;

Or. ro

Emenda 377
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
22. "post fejn jinżammu l-klieb" tfisser struttura fiżika li jkun fiha kompartiment magħluq ***individwali*** wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-klieb;	22. "post fejn jinżammu l-klieb" tfisser struttura fiżika li jkun fiha kompartiment magħluq wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-klieb;

Or. en

Emenda 378
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
22. "post fejn jinżammu l-klieb" tfisser struttura fiżika li jkun fiha kompartiment magħluq ***individwali*** wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-klieb;	22. "post fejn jinżammu l-klieb" tfisser struttura fiżika li jkun fiha kompartiment magħluq wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-klieb;

Or. en

Emenda 379
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. "post fejn jinżammu l-qtates" tfisser struttura fiżika li fiha kompartiment magħluq ***individwali*** wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-qtates;	23. "post fejn jinżammu l-qtates" tfisser struttura fiżika li fiha kompartiment magħluq wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-qtates;

Or. en

Emenda 380
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. "post fejn jinżammu l-qtates" tfisser struttura fiżika li fiha kompartiment magħluq ***individwali*** wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-qtates;	23. "post fejn jinżammu l-qtates" tfisser struttura fiżika li fiha kompartiment magħluq wieħed jew aktar bħala abitazzjoni għall-qtates;

Or. en

Emenda 381
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
24. "persuna li tieħu ħsieb l-annimali" tfisser persuna li tieħu ħsieb il-klieb u l-qtates imnissla jew miżmuma fi	24. "persuna li tieħu ħsieb l-annimali" tfisser persuna li tieħu ħsieb il-klieb u l-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbiliment***, inkluż voluntiera,***

stabbiliment;	***apprendisti u ħaddiema part-time***;

Or. en

Emenda 382
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
24. "persuna li tieħu ħsieb l-annimali" tfisser persuna li tieħu ħsieb ***il-klieb u l-qtates imnissla jew miżmuma fi stabbiliment***;	24. "persuna li tieħu ħsieb l-annimali" tfisser persuna li tieħu ħsieb ***klieb jew qtates***;

Or. en

Emenda 383
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
24. "persuna li tieħu ħsieb l-annimali" tfisser persuna li tieħu ħsieb il-klieb ***u l-qtates*** imnissla jew miżmuma fi stabbiliment;	24. "persuna li tieħu ħsieb l-annimali" tfisser persuna li tieħu ħsieb il-klieb ***jew il-qtates*** imnissla jew miżmuma fi stabbiliment;

Or. en

Emenda 384
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "arrikkiment" tfisser materjal jew	25. "arrikkiment" tfisser materjal jew

struttura fl-ambjent tal-annimal, b'karatteristika okkupazzjonali jew nutrizzjonali li kapaċi tipprovoka u tissodisfa l-kurżità u l-imġiba tal-aptit, jew motivazzjoni fiżika;	struttura fl-ambjent tal-annimal ***b'sensitizazzjoni jew b'funzjoni affettiva u/jew*** b'karatteristika okkupazzjonali jew nutrizzjonali li kapaċi tipprovoka u tissodisfa l-kurżità u l-imġiba tal-aptit, jew motivazzjoni fiżika;

Or. fr

Emenda 385
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. "irbit" tfisser l-irbit ta' annimal ma' punt ta' ankrar biex jinżamm f'żona mixtieqa;	26. "irbit" tfisser l-irbit ta' annimal ma' punt ta' ankrar ***jew ma' oġġett*** biex jinżamm f'żona mixtieqa ***jew biex jiġi ristrett iċ-ċaqliq tiegħu***;

Or. en

Emenda 386
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. "irbit" tfisser l-irbit ta' annimal ma' punt ta' ankrar biex jinżamm f'żona mixtieqa;	26. "irbit" tfisser l-irbit ta' annimal ma' punt ta' ankrar ***jew ma' oġġett*** biex jinżamm f'żona mixtieqa ***jew biex jiġi ristrett iċ-ċaqliq tiegħu***;

Or. en

Emenda 387
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. "irbit" tfisser l-irbit ta' annimal ma' punt ta' ankrar biex jinżamm f'żona mixtieqa;	26. "irbit" tfisser l-irbit ta' annimal ma' punt ta' ankrar ***jew ma' oġġett*** biex jinżamm f'żona mixtieqa ***jew biex jiġi ristrett iċ-ċaqliq tiegħu***;

Or. en

Emenda 388
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura ***riġida*** oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb ***u l-qtates***;	27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, ***gaġġa***, kaxxa, reċipjent jew struttura ***mobbli*** oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb ***jew il-qtates***;

Or. en

Emenda 389
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura riġida oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb u l-qtates;	27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun ***, gaġġa***, kaxxa, reċipjent jew struttura riġida oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb u l-qtates;

Or. en

Emenda 390

Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura riġida oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb u l-qtates;	27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, ***gaġġa***, reċipjent jew struttura riġida oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb u l-qtates;

Or. en

Emenda 391
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura riġida oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb ***u l-qtates***;	27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa***, gaġġa***, reċipjent jew struttura riġida oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb ***jew il-qtates***;

Or. en

Emenda 392
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura ***riġida*** oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb ***u l-qtates***;	27. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura ***mobbli*** oħra użata biex jiġu ristretti l-klieb ***jew il-qtates***;

Or. en

Emenda 393
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
28. "annimal tad-dar" tfisser kelb jew qattus ***maħsub*** biex jinżamm ***f'unità domestika għat-tgawdija privata u għall-kumpanija***;	28. "annimal tad-dar" tfisser ***kwalunkwe*** kelb jew qattus***, jew annimal ieħor adattat u permess*** biex jinżamm ***għall-finijiet ta'*** kumpanija ***jew rikreazzjoni kif definit f'lista skont l-Artikolu 5A.***

Or. en

Emenda 394
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
28. "annimal ***tad-dar***" tfisser kelb jew qattus maħsub biex jinżamm f'unità domestika ***għat-tgawdija privata*** u għall-kumpanija;	28. "annimal ***għall-kumpanija***" tfisser kelb jew qattus***, jew kwalunkwe annimal ieħor,*** maħsub biex jinżamm f'unità domestika għar-rikreazzjoni u għall-kumpanija;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Speċi futuri jistgħu jiġu speċifikati fil-leġiżlazzjoni

Emenda 395
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

28a. "l-ewtanażja" hija l-prattika li tintemm il-ħajja ta' kelb jew ta' qattus mingħajr uġigħ minn veterinarju bl-anestesija u bl-analġeżija fit-tul, esklużivament bi prodotti mediċinali veterinarji, meta veterinarju jew speċjalist tal-imġiba jistabbilixxi permezz ta' eżami fiżiku u tal-imġiba li t-tbatija fiżika jew psikoloġika severa jew fit-tul ta' annimal ma tistax titnaqqas jew tiġi evitata b'mod ieħor u b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 396
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	28a. "ibridu" tfisser kwalunkwe nisel fl-ewwel sar-raba' ġenerazzjoni wara l-inkroċjar tar-razez bejn speċi selvaġġa u kelb jew qattus domestiku, jew bejn dawn l-ibridi u speċijiet selvaġġi, klieb jew qtates domestiċi, jew ibridi oħra;

Or. en

Emenda 397
Katarína Roth Neveďalová, Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	28a. l-annimali professjonali għandhom jitqiesu bħala mnissla fiż-żoni rurali għal kompiti speċifiċi bħat-tmexxija tal-merħla, il-kaċċa, l-għassa, it-tiftix u s-salvataġġ;

Or. en

Emenda 398
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
29. "sjieda responsabbli" tfisser l-impenn ta' sid ta' kelb jew qattus jew sid futur ta' kelb jew qattus, li jwettaq diversi dmirijiet iffokati fuq is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta' mġiba, ambjentali u fiżiċi tal-kelb jew tal-qattus, u li jipprevjeni r-riskji li l-kelb jew il-qattus jista' joħloq għall-komunità, għal annimali oħrajn jew għall-ambjent.	29. "sjieda responsabbli" tfisser l-impenn ta' sid ta' kelb jew qattus jew sid futur ta' kelb jew qattus, li jwettaq diversi dmirijiet iffokati fuq is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta' mġiba, ambjentali u fiżiċi ***u tas-saħħa*** tal-kelb jew tal-qattus, u li jipprevjeni r-riskji li l-kelb jew il-qattus jista' joħloq għall-komunità, għal annimali oħrajn jew għall-ambjent.

Or. en

Emenda 399
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
29. "sjieda responsabbli" tfisser l-impenn ta' sid ta' kelb jew qattus jew sid futur ta' kelb jew qattus, li jwettaq diversi dmirijiet iffokati fuq is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta' mġiba, ambjentali u fiżiċi tal-kelb jew tal-qattus, u li jipprevjeni r-riskji li l-kelb jew il-qattus jista' joħloq għall-komunità, għal annimali oħrajn jew għall-ambjent.	29. "sjieda responsabbli" tfisser l-impenn ta' sid ta' kelb jew qattus jew sid futur ta' kelb jew qattus, li jwettaq diversi dmirijiet iffokati fuq is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta' mġiba, ***tas-saħħa,*** ambjentali u fiżiċi tal-kelb jew tal-qattus, u li jipprevjeni r-riskji li l-kelb jew il-qattus jista' joħloq għall-komunità, għal annimali oħrajn jew għall-ambjent.

Or. en

Emenda 400

Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
29. "sjieda responsabbli" tfisser l-impenn ta' sid ta' kelb jew qattus jew sid futur ta' kelb jew qattus, li jwettaq diversi dmirijiet iffokati fuq is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta' mġiba, ambjentali u fiżiċi tal-kelb jew tal-qattus, u li jipprevjeni r-riskji li l-kelb jew il-qattus jista' joħloq għall-komunità, għal annimali oħrajn jew għall-ambjent.	29. "sjieda responsabbli" tfisser l-impenn ta' sid ta' kelb jew qattus jew sid futur ta' kelb jew qattus, li jwettaq diversi dmirijiet iffokati fuq is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta' mġiba, ambjentali**,** fiżiċi ***u tas-saħħa*** tal-kelb jew tal-qattus, u li jipprevjeni r-riskji li l-kelb jew il-qattus jista' joħloq għall-komunità, għal annimali oħrajn jew għall-ambjent.

Or. en

Emenda 401
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	29a "Klieb li jwettqu attivitajiet speċifiċi, ta' xogħol jew professjonali": tfisser dawk l-annimali li, wara li ntgħażlu għall-kwalitajiet fiżiċi, istintivi u temperamentali tagħhom, huma mħarrġa biex jgħinu lin-nies f'attività regolata jew f'kompitu speċifiku, bħal dawk użati għal skopijiet ta' kaċċa, ta' xogħol, ta' tmexxija tal-merħla, ta' salvataġġ, ta' assistenza jew ta' sport jew dawk użati minn aġenziji tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll annimali gwida, klieb gwida jew annimali maħsuba għaż-żooterapija jew oħrajn fejn tali użu huwa kopert minn leġislazzjoni nazzjonali u/jew reġjonali u m'għandux jiġi affettwat minn dan ir-Regolament.

Or. es

Emenda 402
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	29a. "l-ewtanażja" hija l-prattika li tintemm il-ħajja ta' kelb jew ta' qattus mingħajr uġigħ minn veterinarju bl-anestesija u analġeżija fit-tul, esklużivament permezz ta' prodotti mediċinali veterinarji, meta veterinarju jew, għal klieb adulti, speċjalista tal-imġiba jistabbilixxi, permezz ta' eżami fiżiku u tal-imġiba, li t-tbatija fiżika u psikoloġika severa u fit-tul ta' annimal ma tistax titnaqqas jew tiġi evitata b'mod ieħor u b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 403
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	29a. "l-Ewtanażja" hija l-prattika li tintemm il-ħajja ta' kelb jew ta' qattus mingħajr uġigħ minn veterinarju bl-anestesija u analġeżija fit-tul, esklużivament permezz ta' prodotti mediċinali veterinarji, meta veterinarju jew speċjalista tal-imġiba jistabbilixxi, permezz ta' eżami fiżiku u tal-imġiba, li t-tbatija fiżika u fiżjoloġika severa u fit-tul ta' annimal ma tistax titnaqqas jew tiġi evitata b'mod ieħor u b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 404
Alexander Bernhuber, Stefan Köhler, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	29 a. "azjenda agrikola" tfisser unità ekonomika teknika b'sistema ta' ġestjoni unifikata li twettaq attivitajiet ekonomiċi agrikoli fit-territorju ekonomiku tal-Unjoni, jew bħala attività ewlenija jew sekondarja, skont l-Artikolu 2, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018.

Or. en

Emenda 405
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"Klieb li jwettqu attivitajiet speċifiċi, ta' xogħol jew professjonali": tfisser dawk l-annimali li, wara li ntgħażlu għall-kwalitajiet fiżiċi, istintivi u temperamentali tagħhom, huma mħarrġa biex jgħinu lin-nies f'attività regolata jew f'kompitu speċifiku, bħal dawk użati għal skopijiet ta' kaċċa, ta' xogħol, ta' tmexxija tal-merħla, ta' salvataġġ, ta' assistenza jew ta' sport jew dawk użati minn aġenziji tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll annimali gwida, klieb gwida jew annimali maħsuba għaż-żooterapija li ġew imħarrġa f'ċentri jew minn professjonisti speċjalizzati biex jappoġġjaw, jiggwidaw u jassistu persuni f'diversitajiet funzjonali.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Existe una casuística singular manifiesta constituida por aquellos animales que desempeñan funciones de auxilio a determinadas actividades humanas de interés general, y que presentan particularidades que recomienda su exclusión del presente reglamento, por contradecir algunos de los preceptos que garantizan su utilidad pública:- Sus funciones responden a capacidades y habilidades especiales, que les dotan para el desempeño efectivo, y que sólo pueden preservarse mediante líneas genéticas. Es el caso de los perros físicamente dotados para los trabajos de rescate (salto, escalada…), el de los perros de caza o pastores (su tamaño les protege de riesgos en el desarrollo de controles poblacionales, entre otros)…- Sus condiciones de trabajo no son asimilables a las circunstancias de bienestar del resto de perros y gatos, pues, como ocurre con los destinados a fines científicos, necesariamente se ven sometidos a situaciones de mayor estrés o riesgo en bien del interés público y general (perros destinados a la detección de explosivos, rescate de personas…)

Emenda 406
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-kapitolu ma ***għandux japplika*** għal:	***L-Artikoli 9, 12 u 16*** ma ***għandhomx japplikaw*** għal:

Or. en

Emenda 407
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	***imħassar***

Or. de

Emenda 408
Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 409
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 410
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li	***imħassar***

b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;

Or. en

Emenda 411
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 412
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 413
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 414
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 415
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa ***tliet klieb*** jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu ***żewġ ġriewi/frieħ*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	– stabbilimenti tat-tnissil ***fuq skala żgħira*** li jżommu sa ***ħamest iklieb*** jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu ***erbat ibtan*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja***, dment li jikkonformaw mal-prinċipji fundamentali tal-benesseri tal-annimali***;

Or. en

Emenda 416
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa ***tliet klieb*** jew ***qtates femminili u li b'kollox jipproduċu żewġ ġriewi/frieħ jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja***;	– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa ***għaxariklieb femminili*** jew ***30 qattusa***;

Or. en

Emenda 417
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa ***tliet klieb*** jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu ***żewġ ġriewi/frieħ*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa ***erbat iklieb*** jew qtates femminili ***b'kapaċità riproduttiva*** u li b'kollox jipproduċu ***tlett ibtan*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;

Or. es

Ġustifikazzjoni

En el caso de los animales destinados a actividades específicas, de trabajo o profesionales, sus funciones responden a capacidades y habilidades especiales que les dotan para el desempeño efectivo, capacidades que a su vez se deben en gran medida a facultades físicas definidas genéticamente, y que sólo pueden preservarse mediante la conservación y cuidado de determinadas líneas genéticas. Es el caso de los perros físicamente dotados para los trabajos de rescate (salto, escalada…), el de los perros de caza o pastores (su tamaño les protege de riesgos en el desarrollo de controles poblacionales), pero también el de los perros destinados a zooterapia con niños, o a la detección de trufas, drogas o explosivos, entre otros. Esta capacidad de preservación genética, máxime cuando se desarrolla en beneficio o interés general, no debe verse afectada por las disposiciones reglamentarias,

Emenda 418
Peter Agius

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil ***li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u*** li b'kollox jipproduċu ***żewġ ġriewi/frieħ*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	– stabbilimenti tat-tnissil li b'kollox jipproduċu ***tlett ibtan*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;

Or. en

Emenda 419
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu żewġ ***ġriewi/frieħ*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa tliet klieb jew qtates femminili u li b'kollox jipproduċu ***żewġt ibtan*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament propost, kif deskritt fl-Artikolu 4, jistabbilixxi limitu ta' aktar minn tliet klieb femminili u żewġt ibtan għal kull sena kalendarja għall-istabbilimenti tat-tnissil. Filwaqt li l-intenzjoni wara dan il-limitu hija li jiġu żgurati prattiki ta' tnissil responsabbli, l-applikazzjoni tiegħu kif definita bħalissa se jkollha konsegwenzi sinifikanti u mhux intenzjonati għal firxa wiesgħa ta' sidien tal-klieb li mhumiex nissiela kummerċjali. Dan jinkludi kaċċaturi, bdiewa, u individwi privati li jwettqu attivitajiet ta' tnissil okkażjonali jew fuq skala żgħira.

Emenda 420
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa ***tliet klieb*** jew ***qtates femminili*** u li b'kollox jipproduċu ***żewġ ġriewi/frieħ*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;	– stabbilimenti tat-tnissil li jżommu sa ***ħames iklieb femminili*** jew ***20 qattusa*** u li b'kollox jipproduċu ***erbat ibtan*** jew inqas għal kull stabbiliment f'sena kalendarja;

Or. en

Emenda 421
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– L-istabbilimenti tat-tnissil li jaqbżu l-limitu fuq skala żgħira għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti mtejba tal-benesseri, inklużi spezzjonijiet veterinarji u limiti tat-tnissil ta' mhux aktar minn tlett ibtan għal kull annimal femminili kull sentejn.

Or. en

Emenda 422
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– L-istabbilimenti tat-tnissil rurali jistgħu jsegwu skedi simplifikati ta' spezzjoni u rekwiżiti ta' rapportar, dment li jikkonformaw mal-istandards tal-benesseri u jimplimentaw prattiki ta'

	awtomonitoraġġ. L-Istati Membri għandhom jipprovdu gwida lin-nissiela rurali sabiex jgħinuhom jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji.

Or. en

Emenda 423
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. de

Emenda 424
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-bejgħ ta' klieb u qtates miżmuma fil-ħwienet tal-annimali tad-dar jrid jitneħħa gradwalment. L-annimali li jistgħu jinbiegħu minn ħwienet tal-annimali tad-dar għandhom ikunu ospitati minn familja temporanja u promossi fil-ħanut permezz ta' materjali fotografiċi jew vidjo.

Emenda 425

Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 426
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. en

Emenda 427
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. en

Emenda 428
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. en

Emenda 429
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. en

Emenda 430
Katarína Roth Neveďalová, Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħwienet tal-annimali tad-dar ta' kwalunkwe daqs ma għandhomx ikunu eżentati mill-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 431
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. en

Emenda 432
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ħwienet tal-annimali tad-dar li fi kwalunkwe ħin ikollhom tliet klieb jew inqas jew sitt qtates jew inqas;	***imħassar***

Or. en

Emenda 433
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– santwarji ***li*** fi kwalunkwe ħin ***ikollhom 10 klieb jew inqas jew 20 qattus jew inqas***.	– santwarji***, fejn jinżammu b'kollox sa 15-il kelb jew 20 qattus*** fi kwalunkwe ħin***, jew kwalunkwe foster home, għandhom ikunu soġġetti biss għall-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5, l-Artikolu 6(1) u (1a), l-Artikolu 7, l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 11(2), (3) u (4), l-Artikolu 12(3),***

(4) u (7), l-Artikolu 13(2), il-punti (b), (ba) u (d), l-Artikolu 14(2), (3), (4) u (6), u l-Artikolu 15.

Or. en

Emenda 434
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– santwarji li fi kwalunkwe ħin ikollhom 10 klieb jew inqas jew 20 qattus jew inqas.	– santwarji ***jew foster homes*** li fi kwalunkwe ħin ikollhom ħmistax-il kelb jew inqas jew għoxrin qattus jew inqas.

Or. en

Emenda 435
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– santwarji li fi kwalunkwe ħin ikollhom 10 klieb jew inqas jew 20 qattus jew inqas.	– santwarji ***jew foster homes*** li fi kwalunkwe ħin ikollhom ħmistax-il kelb jew inqas jew għoxrin qattus jew inqas.

Or. en

Emenda 436
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

– faċilitajiet maħsuba biex jilqgħu annimali involuti f'xogħol speċifiku jew attivitajiet professjonali, inklużi l-kaċċa, ir-ragħa, is-sigurtà u s-salvataġġ, fost l-oħrajn.

Or. es

Emenda 437
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Stabbilimenti tat-tnissil eżentati taħt l-inċiż 1 hawn fuq, li volontarjament innotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom skont is-subartikolu 7.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jippermetti li n-nissiela jikkonformaw mar-Regolament fuq bażi volontarja.

Emenda 438
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– sidien ta' klieb involuti f'attivitajiet speċifiċi u li jagħtu bħala donazzjoni klieb fl-Istati Membri tagħhom biex jappoġġaw iż-żamma jew it-titjib tad-diversità ġenetika fl-istokkijiet tat-tnissil tagħhom stess, mingħajr ma jfittxu xi gwadann finanzjarju.

Or. es

Emenda 439
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	faċilitajiet għall-abitazzjoni tal-annimali maħsuba għal xogħol speċifiku jew għal attivitajiet professjonali.

Or. es

Ġustifikazzjoni

En el caso de los animales destinados a actividades específicas, de trabajo o profesionales, sus funciones responden a capacidades y habilidades especiales que les dotan para el desempeño efectivo, capacidades que a su vez se deben en gran medida a facultades físicas definidas genéticamente, y que sólo pueden preservarse mediante la conservación y cuidado de determinadas líneas genéticas. Es el caso de los perros físicamente dotados para los trabajos de rescate (salto, escalada…), el de los perros de caza o pastores (su tamaño les protege de riesgos en el desarrollo de controles poblacionales), pero también el de los perros destinados a zooterapia con niños, o a la detección de trufas, drogas o explosivos, entre otros. Esta capacidad de preservación genética, máxime cuando se desarrolla en beneficio o interés general, no debe verse afectada por las disposiciones reglamentarias,

Emenda 440
Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sidien ta' klieb involuti f'attivitajiet speċifiċi u li jagħtu bħala donazzjoni klieb fl-Istati Membri tagħhom sabiex jappoġġaw iż-żamma jew it-titjib tad-diversità ġenetika fl-istokk tat-tnissil tagħhom stess, mingħajr ma jfittxu ebda gwadann finanzjarju, u li jaqbżu l-limitu stabbilit fl-Artikolu 4, għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6(2), 7, 8, 9(2), 9(3), 10, 11(1), 12(1), 12(7), 14(5) u 16. Id-donazzjonijiet kollha

	għandhom jiġu rieżaminati b'mod regolari mill-awtoritajiet rilevanti sabiex jiġi żgurat li jkunu konformi mal-għan maħsub li tittejjeb id-diversità ġenetika fl-istokk tat-tnissil u li ma jsirux għal skopijiet kummerċjali jew mhux awtorizzati.

Or. es

Ġustifikazzjoni

En el caso de los animales destinados a actividades específicas, de trabajo o profesionales, sus funciones responden a capacidades y habilidades especiales que les dotan para el desempeño efectivo, capacidades que a su vez se deben en gran medida a facultades físicas definidas genéticamente, y que sólo pueden preservarse mediante la conservación y cuidado de determinadas líneas genéticas. Es el caso de los perros físicamente dotados para los trabajos de rescate (salto, escalada…), el de los perros de caza o pastores (su tamaño les protege de riesgos en el desarrollo de controles poblacionales), pero también el de los perros destinados a zooterapia con niños, o a la detección de trufas, drogas o explosivos, entre otros. Esta capacidad de preservación genética, máxime cuando se desarrolla en beneficio o interés general, no debe verse afectada por las disposiciones reglamentarias,

Emenda 441
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Projbizzjoni ta' ħwienet tal-annimali tad-dar mhux speċjalizzati fit-tnissil, fit-taħriġ jew fiż-żamma tal-annimali
	Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-bejgħ ta' klieb u qtates fi ħwienet tal-annimali tad-dar mhux speċjalizzati fit-tnissil, fit-taħriġ jew fiż-żamma tal-annimali, għandu jkun ipprojbit.

Or. fr

Emenda 442
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin fir-rigward tal-klieb u l-qtates imnissla jew miżmuma fl-istabbiliment tagħhom:	L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli ***għall-annimali tad-dar u/jew*** għas-santwarji għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin fir-rigward tal-klieb u l-qtates imnissla jew miżmuma fl-istabbiliment ***jew fl-unità domestika*** tagħhom:

Or. en

Emenda 443
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi u l-persuni ***fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin fir-rigward tal-klieb ***u l-qtates*** imnissla jew miżmuma fl-istabbiliment tagħhom:	L-operaturi u l-persuni ***li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin fir-rigward tal-klieb ***jew il-qtates*** imnissla jew miżmuma fl-istabbiliment tagħhom:

Or. en

Emenda 444
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'ilma u b'ikel ta' kwalità u ta' kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u	(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'ilma u b'ikel ta' kwalità u ta' kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u

idratazzjoni tajba.	idratazzjoni tajba ***u xierqa***.

Or. en

Emenda 445
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'ilma u b'ikel ta' kwalità u ta' kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba.	(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'ilma u b'ikel ta' kwalità u ta' kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba ***u xierqa***.

Or. en

Emenda 446
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'ilma u b'ikel ta' kwalità u ta' kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba.	(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b'ilma u b'ikel ta' kwalità u ta' kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba ***u xierqa***.

Or. en

Emenda 447
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti	(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti

b’ilma u b’ikel ta’ kwalità u ta’ kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba.	b’ilma u b’ikel ta’ kwalità u ta’ kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba ***u xierqa***.

Or. en

Emenda 448
Tilly Metz
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b’ilma u b’ikel ta’ kwalità u ta’ kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba.	(a) il-klieb u l-qtates jiġu pprovduti b’ilma ***nadif*** u b’ikel ta’ kwalità u ta’ kwantità li jippermettu li jkollhom nutrizzjoni u idratazzjoni tajba.

Or. en

Emenda 449
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f’ambjent fiżiku tajjeb li jkun komdu, speċjalment f’termini ta’ spazju, temperatura u faċilità tal-moviment.	(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f’ambjent fiżiku tajjeb li jkun ***sigur u*** komdu, speċjalment f’termini ta’ spazju, ***kwalità tal-arja, umdità, dawl,*** temperatura, ***protezzjoni kontra kundizzjonijiet klimatiċi avversi*** u faċilità ***u libertà*** tal-moviment.

Or. en

Emenda 450
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku tajjeb li jkun komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, temperatura u ***faċilità*** tal-moviment.	(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku tajjeb ***u xieraq*** li jkun ***sigur u*** komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, ***kwalità tal-arja,*** temperatura, ***dawl, protezzjoni kontra kundizzjonijiet klimatiċi avversi*** u ***libertà*** tal-moviment.

Or. en

Emenda 451
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku tajjeb li jkun komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, temperatura u ***faċilità*** tal-moviment.	(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku tajjeb ***u xieraq*** li jkun komdu ***u sigur***, speċjalment f'termini ta' spazju, ***kwalità tal-arja,*** temperatura, ***dawl, protezzjoni kontra kundizzjonijiet klimatiċi avversi*** u ***libertà*** tal-moviment.

Or. en

Emenda 452
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku tajjeb li jkun komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, temperatura u faċilità tal-moviment.	(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku tajjeb li jkun ***sigur u*** komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, temperatura***, disponibbiltà tad-dawl naturali*** u faċilità tal-moviment***, li jipprevjeni l-iffollar eċċessiv u li jipprovdi***

spazji siguri fejn jistgħu jistaħbew.

Or. en

Emenda 453
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku ***tajjeb*** li jkun komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, temperatura u faċilità tal-moviment.	(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku ***xieraq u nadif*** li jkun komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, temperatura***, dawl, kwalità tal-arja,*** u faċilità tal-moviment.

Or. en

Emenda 454
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku tajjeb li jkun komdu, speċjalment f'termini ta' spazju, temperatura u faċilità tal-moviment.	(b) il-klieb u l-qtates jinżammu f'ambjent fiżiku tajjeb li jkun komdu, ***b'livell diċenti ta' iġjene,*** speċjalment f'termini ta' spazju, temperatura u faċilità tal-moviment.

Or. fr

Emenda 455
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 5(1)(c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-klieb u l-qtates jinżammu sikuri, nodfa u f'saħħithom billi jiġu pprevenuti ***l-mard***, l-indebolimenti funzjonali, il-korrimenti u l-uġigħ, b'mod partikolari minħabba l-ġestjoni, il-prattiki tal-immaniġġar jew il-mutilazzjonijiet.	(c) il-klieb u l-qtates jinżammu sikuri, nodfa u f'saħħithom billi jiġu pprevenuti ***u, meta dan ikun rilevanti, mfejqa b'mod effettiv il-mard***, l-indebolimenti funzjonali, il-korrimenti u l-uġigħ, b'mod partikolari minħabba l-ġestjoni, il-prattiki tal-immaniġġar, ***il-prattiki ta' tnissil,*** jew il-mutilazzjonijiet.

Or. en

Emenda 456
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 5(1)(c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-klieb u l-qtates jinżammu sikuri, nodfa u f'saħħithom billi jiġu pprevenuti l-mard, l-indebolimenti funzjonali, il-korrimenti u l-uġigħ, b'mod partikolari minħabba l-ġestjoni, il-prattiki tal-immaniġġar jew il-mutilazzjonijiet.	(c) il-klieb u l-qtates jinżammu sikuri, nodfa u f'saħħithom billi jiġu pprevenuti l-mard, l-indebolimenti funzjonali, il-korrimenti u l-uġigħ ***fiżiku jew mentali***, b'mod partikolari minħabba l-ġestjoni, il-prattiki tal-immaniġġar jew il-mutilazzjonijiet.

Or. fr

Emenda 457
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5(1)(c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-klieb u l-qtates jinżammu sikuri, nodfa u f'saħħithom billi jiġu pprevenuti l-mard, l-indebolimenti funzjonali, il-korrimenti u l-uġigħ, b'mod partikolari minħabba l-ġestjoni, il-prattiki tal-immaniġġar jew il-mutilazzjonijiet.	(c) il-klieb u l-qtates jinżammu sikuri, nodfa u f'saħħithom billi jiġu pprevenuti l-mard, l-indebolimenti funzjonali, il-korrimenti u l-uġigħ, b'mod partikolari minħabba l-ġestjoni, il-prattiki tal-immaniġġar, ***il-prattiki ta' tnissil,*** jew il-

mutilazzjonijiet.

Or. en

Emenda 458
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-klieb u l-qtates jinżammu b'mod li jottimizza l-istat mentali tagħhom billi jipprevjeni jew inaqqas l-esperjenzi negattivi tagħhom ***fil-ħin*** u fl-intensità, kif ukoll billi jimmassimizza l-opportunitajiet għal esperjenzi pożittivi ***fil-ħin*** u fl-intensità fid-dominji differenti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d).	(e) il-klieb u l-qtates jinżammu b'mod li jottimizza l-istat mentali tagħhom billi jipprevjeni jew inaqqas l-esperjenzi negattivi tagħhom ***fid-durata*** u fl-intensità, kif ukoll billi jimmassimizza l-opportunitajiet għal esperjenzi pożittivi ***fid-durata*** u fl-intensità***, billi jipprevjeni milli tiżviluppa mġiba anormali, ripetittiva u mġiba oħra li tindika benesseri ħażin tal-annimali, u billi jqis il-ħtiġijiet tal-klieb u l-qtates*** fid-dominji differenti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d).

Or. en

Emenda 459
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-klieb u l-qtates jinżammu b'mod li jottimizza l-istat mentali tagħhom billi jipprevjeni jew inaqqas l-esperjenzi negattivi tagħhom fil-ħin u fl-intensità, kif ukoll billi jimmassimizza l-opportunitajiet għal esperjenzi pożittivi fil-ħin u fl-intensità fid-dominji differenti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d).	(e) il-klieb u l-qtates jinżammu b'mod li jottimizza l-istat mentali tagħhom billi jipprevjeni jew inaqqas l-esperjenzi negattivi tagħhom fil-ħin u fl-intensità***, billi jipprevjeni milli tiżviluppa mġiba anormali, ripetittiva u mġiba oħra li tindika benesseri ħażin tal-annimali***, kif ukoll billi jimmassimizza l-opportunitajiet għal esperjenzi pożittivi fil-ħin u fl-intensità fid-dominji differenti msemmija

fil-paragrafi (a) sa (d)***, u f'konformità mal-ħtiġijiet individwali relatati mal-età u l-kundizzjonijiet tas-saħħa***.

Or. en

Emenda 460
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Lista Pożittiva
	Fi żmien [OP: daħħal is-sena li tiġi sentejn wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, li jibnu fuq valutazzjoni tal-impatt, sabiex tistabbilixxi lista ta' speċijiet ta' fawna li jitħallew jitqiegħdu fis-suq u miżmuma bħala annimali tad-dar. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23. Il-lista ta' speċijiet ta' fawna li jitħallew jitqiegħdu fis-suq u miżmuma bħala annimali tad-dar għandha sservi l-iskopijiet li ġejjin: a. tiżgura standards minimi tal-benesseri tal-annimali u s-saħħa u l-benesseri tal-annimali fi ħdan l-Unjoni; b. timminimizza r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza pubblika; c. timminimizza r-riskji għall-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni ta' speċijiet aljeni invażivi; d. tipproteġi l-ispeċijiet ta' fawna selvaġġa u l-konservazzjoni tagħhom. e. tistabbilixxi u żżomm il-funzjonament u l-armonizzazzjoni xierqa tas-suq intern;
	Sabiex jiġi protett il-benesseri tal-annimali msemmija f'dan l-Artikolu u sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħhom, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta, f'konformità mal-Artikolu 23, atti delegati dwar dan li ġej: a. il-prinċipji tal-

benesseri, b. ir-rekwiżiti ta' notifika, c. l-obbligi ta' sjieda responsabbli, d. il-kompetenza ta' persuni li jieħdu ħsieb l-annimali, eż. ir-rekwiżiti ta' għalf u tisqija, f. l-abitazzjoni, eż. ir-rekwiżiti tas-saħħa, h. il-ħtiġijiet ta' mġiba, i. il-prattiki li jikkawżaw uġigħ, j. l-istabbiliment ta' bażijiet ta' data.

Mill-inqas kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tal-listi msemmija f'dan l-Artikolu. Wara r-rieżami, hija għandha tiddetermina aktar unitajiet tassonomiċi li għandhom jiġu inklużi, u taġġorna l-listi, filwaqt li tqis l-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-aspetti tal-benesseri tal-annimali, kif ukoll l-impatti soċjali, tas-saħħa u ambjentali.

Or. en

Emenda 461
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti ġenerali tal-benesseri għall-klieb u l-qtates	Rekwiżiti ġenerali tal-benesseri ***tal-annimali u l-obbligi*** għall-klieb u l-qtates

Or. en

Emenda 462
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji	1. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli ***għall-annimal tad-***

għandhom ikunu responsabbli għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates miżmuma taħt il-kontroll tagħhom u għall-minimizzazzjoni ta' kwalunkwe riskju għall-benesseri tagħhom.

dar u/jew għas-santwarji għandhom ikunu responsabbli għall-benesseri tal-klieb u tal-qtates miżmuma taħt il-kontroll tagħhom u għall-minimizzazzjoni ta' kwalunkwe riskju għall-benesseri tagħhom.

Or. en

Emenda 463
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi u ***l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom ikunu responsabbli għall-benesseri tal-klieb ***u*** tal-qtates miżmuma taħt il-kontroll tagħhom u ***għall-minimizzazzjoni*** ta' kwalunkwe riskju għall-benesseri tagħhom.	1. L-operaturi ***u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali*** għandhom ikunu responsabbli għall-benesseri tal-klieb ***jew*** tal-qtates miżmuma taħt il-kontroll tagħhom u ***għall-prevenzjoni*** ta' kwalunkwe riskju għall-benesseri tagħhom.

Or. en

Emenda 464
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali ma għandhomx jabbandunaw klieb jew qtates.

Or. en

Emenda 465
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi u s-sidien tal-annimali tad-dar ma għandhomx jabbandunaw klieb jew qtates.

Or. en

Emenda 466
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi u l-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali m'għandhomx jabbandunaw klieb jew qtates.

Or. en

Emenda 467
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi ma għandhomx jabbandunaw klieb jew qtates.

Or. en

Emenda 468
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu ttrattati minn għadd xieraq ta' persuni li jieħdu ħsieb l-annimali li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa skont l-Artikolu 9.	2. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu ttrattati minn għadd xieraq ta' persuni li jieħdu ħsieb l-annimali li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa skont l-Artikolu 9. ***Għal kull tlett iklieb jew qtates bil-btan, għandha tkun preżenti mill-inqas persuna waħda li tieħu ħsiebhom.***

Or. en

Emenda 469
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu ttrattati minn ***għadd xieraq ta'*** persuni li jieħdu ħsieb l-annimali li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa skont l-Artikolu 9.	2. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu ttrattati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa skont l-Artikolu 9***, bi proporzjon ta' persuna waħda li tieħu ħsieb l-annimali għal kull tlett iklieb jew qtates femminili li jipproduċu l-btan fl-istess ħin***.

Or. en

Emenda 470
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu ttrattati minn għadd xieraq ta' persuni li jieħdu ħsieb l-annimali li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa skont l-Artikolu 9.	2. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu ttrattati minn għadd xieraq ta' persuni li jieħdu ħsieb l-annimali li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa skont l-Artikolu 9 ***u li huma kapaċi jissodisfaw l-ħtiġijiet ta' benesseri tal-klieb u tal-qtates***.

Or. en

Emenda 471
Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu ttrattati minn ***għadd xieraq ta'*** persuni li jieħdu ħsieb l-annimali ***li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa skont l-Artikolu 9***.	2. L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li l-klieb u l-qtates jiġu ttrattati minn persuni li jieħdu ħsieb l-annimali.

Or. en

Emenda 472
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***2a. Fil-każ tal-foster homes, ir-responsabbiltà għandha tkun tal-operatur li f'ismu jinżammu l-klieb jew il-qtates. Tali operaturi ma għandhomx iqiegħdu aktar minn total ta' ħamest iklieb jew qtates jew boton wieħed b'omm jew mingħajr omm f'foster home fi kwalunkwe ħin partikolari u għandhom**

jipprovdu lill-foster family b'informazzjoni adegwata dwar ir-rekwiżiti u l-obbligi tal-benesseri tal-annimali kif ukoll il-ħtiġijiet individwali tal-klieb jew tal-qtates, u għandhom jiżguraw u jivverifikaw li l-obbligi rilevanti stabbiliti minn dan ir-Regolament jiġu rrispettati fil-foster homes.

Or. en

Emenda 473
Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Proporzjon ta' persuna waħda li tieħu ħsieb għal kull tlett annimali bi btan fl-istess ħin irid ikun previst kif meħtieġ sabiex l-annimali jiġu ttrattati b'mod xieraq mingħajr ma jiġu kompromessi s-saħħa jew il-benesseri tagħhom.

Or. en

Emenda 474
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-operaturi għandhom jiżguraw il-benesseri tal-klieb u l-qtates miżmuma taħt ir-responsabbiltà tagħhom billi jimmonitorjaw l-indikaturi bbażati fuq l-annimali u billi jieħdu azzjoni bbażata fuq ir-riżultati ta' tali monitoraġġ.

Or. en

Emenda 475
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu indikaturi bbażati fuq l-annimali.

Or. en

Emenda 476
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil għandhom jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil ma jirriżultawx f'ġenotipi u f'fenotipi li jkollhom effetti ta' detriment fuq il-benesseri tal-klieb u l-qtates, jew tad-dixxendenti tagħhom.	L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil għandhom jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil ***jagħtu prijorità lis-saħħa u lill-benesseri tal-annimal, u*** ma jirriżultawx f'ġenotipi u f'fenotipi li jkollhom ***jew li huma assoċjati ma'*** effetti ta' detriment fuq il-benesseri tal-klieb u l-qtates, jew tad-dixxendenti tagħhom.

Or. en

Emenda 477
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil għandhom jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil ma jirriżultawx f'ġenotipi u f'fenotipi li ***jkollhom*** effetti ta' detriment fuq il-benesseri tal-klieb ***u l-qtates***, jew tad-dixxendenti tagħhom.	L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil għandhom jiżguraw li l-istrateġiji tat-tnissil ma jirriżultawx f'ġenotipi u f'fenotipi li ***huma assoċjati ma'*** effetti ta' detriment fuq il-benesseri tal-klieb ***jew il-qtates***, jew tad-dixxendenti tagħhom.

Or. en

Emenda 478
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-tnissil, l-importazzjoni, ir-reklamar u l-użu għal wirjiet u kompetizzjonijiet ta' annimali b'karatteristiċi estremi u/jew b'riskju akbar ta' żvilupp tal-kundizzjonijiet Brachycephalic Ocular Syndrome (BOS) u Brachycephalic Obstructive Airway Syndrome (BOAS) għandhom ikunu pprojbiti.

Or. en

Emenda 479
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil ma għandhomx jużaw għar-riproduzzjoni klieb jew qtates li jkollhom karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi li jwasslu għal riskju kbir ta' effetti detrimentali fuq il-benesseri ta' dawn il-klieb jew qtates, jew ta' wliedhom.

Or. en

Emenda 480
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil ma għandhomx jużaw għar-riproduzzjoni klieb jew qtates li jkollhom karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi li jwasslu għal riskju kbir ta' effetti detrimentali fuq il-benesseri ta' dawn il-klieb jew qtates, jew ta' wliedhom.

Or. en

Emenda 481
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-operaturi tal-istabbilimenti tat-tnissil ma għandhomx jużaw għar-riproduzzjoni klieb jew qtates li jkollhom karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi li jwasslu għal riskju kbir ta' effetti detrimentali fuq il-benesseri ta' dawn il-klieb jew qtates, jew ta' wliedhom.

Or. en

Emenda 482
Salvatore De Meo, Manuela Ripa

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-tnissil ta' klieb jew qtates brakiċefaliċi b'karatteristiċi estremi li jikkawżaw tbatija u li jwasslu għal riskju kbir ta' effetti detrimentali fuq il-benesseri tal-annimal għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 483
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-tnissil għall-produzzjoni tal-ibridi għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 484
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi żżid il-karatteristiċi tal-ġenotipi u l-fenotipi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u l-karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li għandhom jiġu eskluży mir-riproduzzjoni, filwaqt li tqis l-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel kif ukoll l-impatti soċjali u ekonomiċi. L-atti delegati li jirrigwardaw

il-karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi għandhom jiġu adottati sal-1 ta' Lulju 2030.

Or. en

Emenda 485
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, għandu jkun ipprojbit.	Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, ***jew bejn l-aħwa u bejn l-aħwa minn ġenitur wieħed,*** għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 486
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, ***jew*** bejn in-nanniet u n-neputijiet, għandu jkun ipprojbit.	Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, ***jew bejn l-aħwa u bejn l-aħwa minn ġenitur wieħed,*** għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 487
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, għandu jkun ipprojbit.	Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, ***bejn l-aħwa, bejn l-aħwa minn ġenitur wieħed,*** jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 488
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, għandu jkun ipprojbit.	Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, ***bejn l-aħwa, bejn l-aħwa minn ġenitur wieħed,*** jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 489
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, għandu jkun ipprojbit.	Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, ***l-aħwa, l-aħwa minn ġenitur wieħed,*** jew bejn in-nanniet u n-neputijiet, għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-projbizzjoni ta' tnissil jew tgħammir bejn l-aħwa tgħin biex jitnaqqas it-tgħammir ta' annimali tal-istess demm u r-riskju ta' difetti ġenetiċi li jistgħu jagħmlu ħsara lis-saħħa u l-benesseri tal-annimali.

Emenda 490
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, jew bejn ***in-nanniet u n-neputijiet***, għandu jkun ipprojbit.	Fil-ġestjoni tar-riproduzzjoni tal-klieb u l-qtates mill-operaturi, it-tgħammir bejn il-ġenituri u l-ulied, jew bejn ***l-aħwa***, għandu jkun ipprojbit.

Or. fr

Emenda 491
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-tnissil għall-produzzjoni tal-ibridi għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 492
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-tnissil għall-produzzjoni tal-ibridi

għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 493
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-paragrafu ma għandux jipprekludi l-għażla u t-tnissil ta' klieb u qtates brakiċefaliċi sakemm il-programmi tal-għażla jew tat-tnissil jimminimizzaw il-konsegwenzi negattivi fuq il-benesseri ta' karatteristiċi brakiċefaliċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 494
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-paragrafu ma għandux jipprekludi l-għażla u t-tnissil ta' klieb u qtates brakiċefaliċi sakemm il-programmi tal-għażla jew tat-tnissil jimminimizzaw il-konsegwenzi negattivi fuq il-benesseri ta' karatteristiċi brakiċefaliċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 495
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-paragrafu ma għandux jipprekludi l-għażla u t-tnissil ta' klieb u qtates brakiċefaliċi sakemm il-programmi tal-għażla jew tat-tnissil jimminimizzaw il-konsegwenzi negattivi fuq il-benesseri ta' karatteristiċi brakiċefaliċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 496
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-paragrafu ma għandux jipprekludi l-għażla u t-tnissil ta' klieb u qtates brakiċefaliċi sakemm il-programmi tal-għażla jew tat-tnissil jimminimizzaw il-konsegwenzi negattivi fuq il-benesseri ta' karatteristiċi brakiċefaliċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 497
Dario Nardella, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-paragrafu ma għandux jipprekludi l-għażla u t-tnissil ta' klieb ***u*** qtates brakiċefaliċi ***sakemm il-programmi tal-għażla jew tat-tnissil jimminimizzaw il-konsegwenzi*** negattivi ***fuq il-benesseri ta' karatteristiċi brakiċefaliċi***.	***It-tnissil ta'*** klieb ***jew*** qtates brakiċefaliċi ***b'karatteristiċi estremi, bħal meta l-forma, l-istruttura jew id-dehra tal-ġisem tal-annimal ikollhom il-potenzjal li jirriżultaw f'impatti negattivi fuq is-saħħa u l-benesseri tagħhom, u jikkawżaw tbatija, għandu jkun ipprojbit***. ***Tali razez***

	għandhom ikunu pprojbiti wkoll milli jieħdu sehem f'wirjiet u kompetizzjonijiet, jew milli jintużaw bħala props fil-media soċjali jew kontenut ta' kummerċjalizzazzjoni.

Or. en

Emenda 498
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-paragrafu ma għandux jipprekludi l-għażla u t-tnissil ta' klieb u qtates brakiċefaliċi sakemm il-programmi tal-għażla jew tat-tnissil ***jimminimizzaw il-konsegwenzi*** negattivi fuq il-benesseri ta' karatteristiċi brakiċefaliċi.	Dan il-paragrafu ma għandux jipprekludi l-għażla u t-tnissil ta' klieb u qtates brakiċefaliċi sakemm il-programmi tal-għażla jew tat-tnissil ***jistgħu jipprekludul-konsegwenzi*** negattivi fuq il-benesseri ta' karatteristiċi brakiċefaliċi.

Or. de

Emenda 499
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-inseminazzjoni artifiċjali ma għandhiex tintuża awtomatikament jew biex jingħelbu l-problemi minħabba l-inabbiltà tal-klieb jew tal-qtates li jgħammru u jikkonċepixxu b'mod naturali. Tista' tiġi kkunsidrata biss b'mod eċċezzjonali, bħal meta tintuża biex iżżid il-varjabbiltà ġenetika, u trid titwettaq biss minn veterinarju. L-inseminazzjoni kirurġika intrauterina għandha dejjem tkun ipprojbita.

Or. en

Emenda 500
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament ma għandux jipprekludi t-tnissil u r-riproduzzjoni ta' razez b'karatteristiċi esaġerati, dment l-istandards uffiċjali għar-razza jiġu rispettati u t-trażmissjoni tagħhom ma taffettwax il-benesseri tal-annimal.

Or. fr

Emenda 501
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-tnissil ta' klieb jew qtates brakiċefaliċi b'karatteristiċi estremi, bħal meta l-forma, l-istruttura jew id-dehra tal-ġisem tal-annimal ikollhom il-potenzjal li jirriżultaw f'impatti negattivi fuq is-saħħa u l-benesseri tagħhom, u jikkawżaw tbatija, għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 502
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-tnissil ulterjuri ta' klieb jew qtates brakiċefaliċi b'karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi li jwasslu għal riskju għoli ta' effetti detrimentali fuq il-qtates jew il-klieb jew id-dixxendenti tagħhom għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 503
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Klieb jew qtates brakiċefaliċi b'karatteristiċi estremi bħal dawn għandhom ikunu pprojbiti milli jieħdu sehem f'wirjiet jew kompetizzjonijiet.

Or. en

Emenda 504
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għandha tapplika projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' klieb jew qtates brakiċefaliċi b'karatteristiċi estremi bħal dawn.

Or. en

Emenda 505
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-inseminazzjoni artifiċjali ma tridx tintuża awtomatikament jew biex jingħelbu l-problemi minħabba l-inabbiltà tal-klieb jew tal-qtates li jgħammru u jikkonċepixxu b'mod naturali. Tista' tiġi kkunsidrata biss b'mod eċċezzjonali, bħal meta tintuża biex iżżid il-varjabbiltà ġenetika, u trid titwettaq biss minn veterinarju.

Or. en

Emenda 506
Alexander Bernhuber, Stefan Köhler, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jemendaw dan l-artikolu fir-rigward tal-kriterji speċifiċi li l-operaturi għandhom jissodisfaw meta jiddisinjaw strateġiji tat-tnissil biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel kif ukoll l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 507
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jemendaw dan l-artikolu fir-rigward tal-kriterji speċifiċi li l-operaturi għandhom jissodisfaw meta jiddisinjaw strateġiji tat-tnissil biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel kif ukoll l-impatti soċjali, ***ekonomiċi*** u ambjentali.	4. ***Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ],*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jemendaw dan l-artikolu fir-rigward tal-kriterji speċifiċi li l-operaturi għandhom jissodisfaw meta jiddisinjaw strateġiji tat-tnissil biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel kif ukoll l-impatti soċjali, ***tas-saħħa pubblika*** u ambjentali.

Or. en

Emenda 508
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għandha tapplika sistema ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa u tal-benesseri li tkopri l-partikolaritajiet kollha ta' kull razza/karatteristika estrema.

Or. en

Emenda 509
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi żżid il-karatteristiċi tal-

	ġenotipi u l-fenotipi u l-karatteristiċi ta' konformazzjoni eċċessivi msemmija f'dan l-Artikolu, li għandhom jiġu eskluż mir-riproduzzjoni, filwaqt li tqis l-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel kif ukoll l-impatti soċjali u ekonomiċi. Dawn l-atti ddelegati għandhom jiġu adottati sal-1 ta' Lulju 2028.

Or. en

Emenda 510
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom, billi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:	L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji***, kif ukoll persuni fiżiċi li huma nissiela,*** għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom, billi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 511
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji*** għandhom ***jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom, billi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:***	L-operaturi ***ta' stabbilimenti tat-tnissil, stabbilimenti tal-bejgħ, santwarji jew foster homes*** għandhom ***jiġu rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 84 tar-Regolament 2016/429, qabel ma jibdew attivitajiet bħal dawn.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu għall-operaturi li jirreġistraw l-istabbilimenti huwa diġà obbligatorju skont ir-Regolament 2016/429 – il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 512
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi ***u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom, billi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:***	L-operaturi ***ta' stabbilimenti tat-tnissil, stabbilimenti tal-bejgħ, santwarji jew foster homes*** għandhom ***jiġu rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 84 tar-Regolament 2016/429, qabel ma jibdew attivitajiet bħal dawn.***

Or. en

Emenda 513
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-identità, l-isem u l-indirizz tal-operatur;	***imħassar***

Or. en

Emenda 514
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) l-identità, l-isem u l-indirizz tal-operatur;	***imħassar***

Or. en

Emenda 515
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-identità, l-isem u l-indirizz tal-operatur;	(a) l-identità, l-isem***, in-numru tat-telefon, l-indirizz tal-posta elettronika*** u l-indirizz ***postali*** tal-operatur ***u ta' min jieħu ħsieb l-annimali***;

Or. en

Emenda 516
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-post tal-istabbiliment;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu għall-operaturi li jirreġistraw l-istabbilimenti huwa diġà obbligatorju skont ir-Regolament 2016/429 – il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 517
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-post tal-istabbiliment;	***imħassar***

Or. en

Emenda 518
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tip ta' stabbiliment: stabbiliment tat-tnissil, ħanut tal-annimali tad-dar jew santwarju;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu għall-operaturi li jirreġistraw l-istabbilimenti huwa diġà obbligatorju skont ir-Regolament 2016/429 – il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 519
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tip ta' stabbiliment: stabbiliment tat-tnissil, ħanut tal-annimali tad-dar jew santwarju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 520
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tip ta' stabbiliment: stabbiliment tat-tnissil, ***ħanut tal-annimali tad-dar*** jew santwarju;	(c) it-tip ta' stabbiliment: stabbiliment tat-tnissil, ***stabbiliment tal-bejgħ, stabbiliment tar-riċerka, foster home*** jew santwarju;

Or. en

Emenda 521
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tip ta' stabbiliment: stabbiliment tat-tnissil, ***ħanut tal-annimali tad-dar jew*** santwarju;	(c) it-tip ta' stabbiliment: stabbiliment tat-tnissil, ***stabbiliment tal-bejgħ,*** santwarju ***jew foster home***;

Or. en

Emenda 522
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-ispeċi u r-razza, fejn rilevanti, tal-annimali miżmuma fl-istabbiliment;	***imħassar***

Or. en

Emenda 523
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-ispeċi u r-razza, fejn rilevanti, tal-annimali miżmuma fl-istabbiliment;	***imħassar***

Or. en

Emenda 524
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-ispeċi ***u r-razza, fejn rilevanti,*** tal-annimali miżmuma fl-istabbiliment;	(d) l-ispeċi tal-annimali miżmuma fl-istabbiliment;

Or. en

Emenda 525
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) ir-razez tal-klieb jew tal-qtates miżmuma fl-istabbiliment tat-tnissil;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tkun permessa eżenzjoni mill-obbligu skont dan il-paragrafu (kif introdott fil-paragrafu 1a), l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2016/429 u l-paragrafu 1 ta' dan ir-Regolament għandha tkun uniformi.

Emenda 526
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd massimu ta' annimali li jistgħu jinżammu fl-istabbiliment;	***imħassar***

Or. en

Emenda 527
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-għadd massimu ta' annimali li jistgħu jinżammu fl-istabbiliment;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu għall-operaturi li jirreġistraw l-istabbilimenti huwa diġà obbligatorju skont ir-Regolament 2016/429 – il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 528
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-istabbilimenti tat-tnissil eżentati skont l-Artikolu 4 jistgħu jinnotifikaw volontarjament lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom u b'hekk ikunu soġġetti għall-obbligi rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha tinqara flimkien mal-emendi għall-Artikolu 4.

Emenda 529
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) għall-istabbilimenti tat-tnissil, l-għadd stmat ta' btan li għandu jitqiegħed fis-suq kull sena;

Or. en

Emenda 530
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) għall-istabbilimenti tat-tnissil, l-għadd stmat ta' btan li għandu jitqiegħed fis-suq kull sena.

Or. en

Emenda 531
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) għall-istabbilimenti tat-tnissil, l-għadd stmat ta' btan li għandu jitqiegħed fis-suq kull sena;

Or. en

Emenda 532
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna fiżika li qed iżżomm l-annimali taħt il-kontroll tagħha u d-dettalji tar-reġistrazzjoni tas-santwarju jew tal-foster home li tikkollabora miegħu.

Or. en

Emenda 533
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-operaturi u l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għas-santwarji għandhom jiżguraw li:
	(a) kwalunkwe bidla fl-istabbiliment inkwistjoni rigward il-materji msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b);
	(b) kwalunkwe waqfien tal-attività mill-operatur jew l-istabbiliment ikkonċernat.

Or. en

Emenda 534
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jużaw l-informazzjoni prevista f'konformità mal-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2016/429. F'każ bħal dan, l-operaturi huma eżentati mill-obbligu previst fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c), (d) u (e), ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 535
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-operaturi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bidla li tirrigwarda l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1;

Or. en

Emenda 536
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu reġistru tal-istabbilimenti u jistgħu jużaw, għal dan l-għan, ir-reġistru previst fl-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) 2016/429, u għandhom jagħmlu dan ir-registru tal-istabbilimenti disponibbli għall-pubbliku. Meta l-informazzjoni li tkopri l-paragrafi 1 u 2 tkun diġà

pprovduta fihom, l-operaturi jistgħu jiġu eżentati mill-obbligu tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 537
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-operaturi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe waqfien tal-attività, filwaqt li jispeċifikaw skadenza sa meta l-attività trid tingħalaq, li għandha tkun mhux aktar tard minn xahar wara l-waqfien, u jipprovdu wkoll informazzjoni dwar id-destin tal-annimali;

Or. en

Emenda 538
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtorità kompetenti għandha żżomm reġistru tal-istabbilimenti u tista' tuża, għal dan l-għan, ir-reġistru previst fil-paragrafu 1, il-punt (a), tal-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) 2016/429.

Or. en